NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Kunsill Nazzjonali Anzjani
1992
NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

Nru. 105 Jannar - Marzu 2022



## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURA LILL-ANZJANI U L-QRABATHOM KOLLHA S-SENA 2022 MIMLIJA RISQ, HENA, SAĦĦA, PAĊI U PROSPERITÀ

L-istampa tal-faċċata turi ritratt sabiħ ta' presepju artistiku li nħadem fl-2020 mis-Sur Emanuel Bonniċi mill-Belt, Valletta. Dan il-presepju kien esebit fid-daħla tas-Suq tal-Belt fil-Milied li għadda. Għal min jixtieq jarah din is-sena, ngħarrfukom li dan l-istess presepju jinsab għall-wiri fil-Każin, La Vallette, fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

F'din l-edizzjoni...



8
**Bertie Muscat**
*Intervista minn Nazju Abela*



23
**Apprezzament**
*Is-Sur Anthony Mulè Stagno*





# *LOGO* ĠDID

# TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

Kunsill Nazzjonali Anzjani

1992

NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

## Ħajr

Is-Sur Josiah Grech, Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, offra li jiddisinjalna *logo* ġdida għall-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li tkun iktar tixraq għaż-żminijiet tal-lum. Is-Sur Grech ippreżenta għall-konsiderazzjoni tliet abbozzi ta' din il-*logo* u l-Kunsill għażel u approva waħda minnhom; din li qegħdin taraw hawnhekk. Minn issa 'l quddiem, din ser tkun il-*logo* li ser tibda tintuża minflok dik li kellna qabel.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, mill-qalb, jirringrazzja lis-Sur Grech għal dan il-ġest tant ġeneruż tiegħu. Jalla jkollna iktar membri anzjani attivi bħas-Sur Grech li jkunu lesti joffru l-ħiliet, is-servizzi u l-kapaċitajiet tagħhom inkonnessjoni ma' dak kollu li huwa ta' ġid għall-anzjani tagħna kollha Maltin u Għawdxin.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Mary Farrugia, Nazju Abela, Josiah Grech,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Nazju Abela

**Segretarju:**
Joseph Zammit

**Ass. Segretarja:**
Mary Farrugia

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Ass. U.R.P.:**
Josiah Grech

**Membri:**
Lino Debono
Alfred Mallia
Mary Mangion
Frank Mumford
Joseph Vella Caruana

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Qatt smajtu bl-espressjoni, *armchair critic*? *Armchair critic* huwa xi ħadd li jaf fuq suġġett sempliċiment għax ikun qara fuqu jew għax ikun sema' bih, li jitkellem dwaru qisu xi espert u jikkritika bl-addoċċ lil kulħadd imma mingħajr ma jkollu ebda esperjenza f'dak il-qasam. Fid-dinja, issib min tant huwa prużuntuż li jrid jitkellem fuq kollox b'ċerta arroganza daqslikieku kien xi awtorità u allaħares tmerih. Lanqas tgħaddilu minn moħħu juri nitfa umiltà billi jgħid, sa fejn naf jien, hekk hu imma jien, bħal kulħadd, suġġett għall-iżball ukoll. "Ma tarax! La qed ngħidlek hekk, hekk hu! Jien ma niżbaljax! Li ngħidlek jien vanġelu; ħudu bħala ben fatt! Minqux fil-blat! Jien l-Oraklu ta' Delfi!" Ħa nagħmluha ċara mill-bidu nett. Fid-dinja m'hawn ħadd li jaf kollox, ħlief, forsi, l-editur ta' dan il-*magazine*!

Apparti ċ-ċajt; fid-dinja, taf kemm taf, qatt ma taf xejn. Jgħidu li, f'dan ir-rigward, hawn erba' tipi ta' nies. Hawn min jaf u jaf li jaf. Hawn ukoll min jaf imma ma jafx li jaf. Imbagħad hawn min ma jafx u jaf li ma jafx u, fl-aħħar nett, hawn min ma jafx u ma jafx li ma jafx. Dawn tal-aħħar huma l-iktar nies li joħolqu nkwiet fil-ħajja. Imeru kollox u lil kulħadd. Għalxejn tgħidilhom li m'għandhomx raġun għax jibqgħu jinsistu li huma jafu aħjar. Ħadd m'għandu raġun ħliefhom. Ma jafu xejn imma, fl-istess ħin, jaħsbu li jafu kollox u b'ebda mod ma jistgħu jdaħħluha fil-kurituri ta' moħħhom li l-uniku wieħed li jaf kollox fid-dinja huwa s-sottoskritt!

Socrates, ħassieb għaref tal-Greċja tal-qedem, kien jaf x'inhu jgħid meta qal: "Jien l-iktar bniedem għaref tad-dinja għax naf ħaġa waħda biss; dik li ma naf xejn!" U veru għax, iktar ma tkun taf, iktar tinduna kemm ma taf xejn, jew ftit wisq. Infatti, iktar ma tirrealizza kemm ma taf xejn, iktar tpoġġi lilek innifsek fit-triq it-tajba biex tibda titgħallem xi ħaġa. Ħarsu lejja u tgħaxxqu!

Kultant ngħid li missirijietna, minkejja li kienu ifqar, kienu egħref minna. Aħsbu ftit! Issa kieku konna għorrief, ma konniex inġibu ruħna aħjar ma' xulxin? Kieku konna għorrief, ma konniex nittrattaw lil xulxin b'mod iktar ċivili flok nistinkaw kemm nifilħu biex nagħmlu ħajjet xulxin infern? Kieku konna għorrief, ma konniex nirrealizzaw li ħajja waħda għandna u qasira u li l-ħajja aħjar nissimplifikawha milli nikkumplikawha? Kieku konna għorrief ma konniex nikkuntentaw b'dak li għandna? Kieku konna għorrief, ma konniex nindunaw li, aktar ma jkollok proprjetà u flus u karozzi u *speedboats* u *gadgets* u *appliances* u *remote controls* u *smartphones*, iktar ikollok inkwiet, taħbit, ġiri, ħsibijiet, ulċeri fl-istonku u spejjeż? Għiduli intom; kieku konna għorrief, konna nibqgħu neqirdu l-unika pjaneta li għandna u nniġġsu l-arja li għandna bżonn nieħdu fil-pulmuni tagħna biex ngħixu? Kieku konna għorrief, konna noqogħdu nilmentaw u ngemgmu flok nirringrazzjaw 'l Alla tal-ġid kollu li tipprovdilna n-natura? Kieku konna għorrief, konna nittolleraw li jibqa' jkun hawn min hu bil-ġuħ fid-dinja minkejja li hawn ġid biżżejjed għal kulħadd; kieku jitqassam bil-ġustizzja? Kieku konna għorrief, konna nħallu lid-dgħajjef jibqa' jiġi sfruttat minn min hu b'saħħtu? Kieku konna għorrief, ma konniex nippruvaw nimxu iktar fuq it-tagħlim ta' Kristu?

Mistoqsijiet tassew diffiċli dawn imma tistaqsuhomx lili għax jien ma naf xejn!
Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.







# *Jitħabbru r-rebbieħa tal-Premju Anzjanità Attiva 2021*

**Fit-12 ta' Novembru, tħabbru uffiċjalment ir-rebbieħa tal-Premju Anzjanità Attiva 2021**



Il-Premju Anzjanità Attiva huwa ċelebrazzjoni ta' xogħol, impenn u dedikazzjoni fis-settur tal-Anzjanità Attiva. Dan huwa avveniment annwali ddedikat għall-anzjani, li matulu din is-sena ngħataw ħames premjijiet.

Ir-rebbieħa ta' kull premju huma:
Premju Anzjanità Attiva – il-Mons. Victor Grech
Premju Anzjanità Sportiva – is-Sur Mario Meli
Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali – is-Sur Anthony Darmanin
Premju Anzjanità Akkademika – is-Sur Publio Agius
Premju Anzjanità Kulturali – is-Sur Albert Marshall



F'diskors tal-okkażjoni, il-Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva Michael Farrugia faħħar id-dedikazzjoni ta' persuni u individwi li, grazzi għall-impenn tagħhom, jagħmlu differenza fil-ħajja mhux biss ta' anzjani oħra imma wkoll fil-komunità u persuni oħrajn ta' kull età. Huwa qal li kull persuna ħaqqha tkun ippremjata għall-ġid li tagħmel, waqt li ħeġġeġ biex aktar anzjani, speċjalment nisa, jipparteċipaw f'attivitajiet u inizjattivi li jgħinuhom jibqgħu attivi fis-soċjetà u biex ikomplu jgħinu lil ta' madwarhom.



Waqt din iċ-ċerimonja, il-President ta' Malta George Vella qal li, "Ir-rispett, l-inklużjoni u l-opportunitajiet indaqs huma l-ingredjenti ewlenin li matul iż-żmien komplew isaħħu l-importanza tal-anzjanità attiva u l-bżonn li bħala pajjiż ma nitilfux il-minjiera ta' talent u għerf li dawn in-nies jistgħu u jixtiequ jgħaddu lis-soċjetà."



Il-President żied jgħid li l-anzjani għandhom isemmgħu leħinhom fuq dawk l-aspetti tal-ħajja u l-ambjent ta' madwarhom li jħossu li qed ikunu ta' ħsara għalihom jew għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Filwaqt li feraħ lir-rebbieħa kollha, inklużi lil dawk kollha li ġew innominati. Il-President stqarr li l-anzjani jistgħu jkunu katalisti favur soċjetà aktar ħanina, inklussiva u fuq kollox sostenibbli.

**F'isem il-President kif ukoll il-membri kollha tal-Kunsill jifirhu lir-rebbieħa kollha speċjalment lis-Sur Publio Agius, President tal-*Floriana Senior Citizens* u li huwa wkoll Affiljat mall-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, li ngħata l-Premju ta' Premju Anzjanità Akkademika. Prosit!**



# Żbalji postali

## Sensiela mal-*Gozo Philatelic Society* b'kitba ta' Antoine Vassallo

**Taħwida ta' *cowboys***



Fl-1993, il-posta tal-Istati Uniti tal-Amerka bdiet toħroġ sensiela ta' folji b'għoxrin bolla l-waħda, kollha differenti. B'isem kollettiv ta' *Classic collection*, matul is-snin ħarġu folji bħal dawn b'suġġetti varjati bħal ajruplani, il-gwerra ċivili, il-logħob Olimpiku, l-arti, insetti u l-isport tal-*baseball*. Mill-ewwel bdew bi żball u bl-inkwiet imma inkwiet li qanqal ċertu interess tant li, anki nazzarda nassumi li, il-posta marret tajjeb ħafna finanzjarjament bis-saħħa t'hekk.

Infatti, l-ewwel folja li ħarġu kienet imsejħa *Legends of the West*, jiġifieri, tal-*wild west*. Fost il-personaġġi, suppost li kellu jkun hemm **Bill Pickett**, Afro-Amerikan mill-istat ta' Texas li kien ferm famuż għall-abbiltà tiegħu għall-isport tar-*rodeo*. Mhux magħruf eżatt meta twieled imma f'razztu, barra mid-demm tal-iskjavi suwed, Bill Picket kellu wkoll demm *Cherokee (Red Indian)* u, minħabba f'hekk, huwa sofra ħafna persekuzzjoni razzista fi żmien ta' intolleranza kbira. Picket kien wieħed fost tnax-il aħwa u huwa nnifsu kellu disa' wlied. Huwa miet f'Oklahoma fl-1932 meta kellu madwar sittin sena.




Ta' età żgħira, beda jaħdem f'*ranch* u tgħallem, u ħakem sew, il-ħiliet tal-irkib taż-żwiemel kif ukoll dak tal-użu tal-ħbula. Sal-1907, *the Dusky Demon*, kif kien magħruf, kien diġà sar leġġenda tal-ispettaklu tar-*rodeo* fejn, fost sħabu, kellu persunaġġi bħal Buffalo Bill. Bill Picket introduċa l-*bulldogging*, jew aħjar, meta wieħed jissara ma' għoġol billi jaqbdu minn qrunu u, anki, saħansitra, jigdimlu widnejh, sakemm jirnexxielu jwaqqgħu fl-art. Din kienet idea ispirata meta Bill ra klieb *bulldogs* ittrenjati jikkontrollaw frieħ tal-gniedes maħrubin. Bill Picket ħa sehem anki fil-*films* li, naturalment, dak iż-żmien, kienu *silent*. Miet wara li ntlaqat f'rasu minn daqqa ta' sieq ta' żiemel li kien għadu ma ġiex immansat.

Ftit wara li ħarġet il-bolla, ġurnalist tar-radju ċempel lil ċertu Frank Phillips li kien ilu s-snin jikteb li bużnannuh (Bill Picket) kien jixraqlu jkun kommemorat fuq bolla. Billi ħadd ma kien għarrfu b'xejn, huwa ħaffef jiġri lejn il-posta biex jakkwista folja. Imma kellu diżappunt kbir għax ir-ritratt fuq il-bolla li suppost turi lil Bill Picket, ritratt li kien ħa ċertu Ralph Russell Doubleday, flok kien ta' Bill, kien juri lil ħuh, jew lil kuġinuh, Ben. Mhux magħruf jekk dan ir-ritratt kienx immarkah ħażin il-fotografu stess. Li hu żgur hu li dan ir-ritratt żbaljat kien ilu biċċa sew jintuża b'mod skorrett anki f'kotba, f'perjodiċi, f'rivisti, f'*posters* u anki f'wirjiet, meta, suppost, kellu jintwera ritratt ta' Bill u mhux ta' Ben.

Immedjatament, l-amministrazzjoni postali ordnat li l-bolli kollha li laħqu ħarġu b'mod żbaljat jinġabru u jinħarqu. Imma, naturalment, xi ftit laħqu nbiegħu anki, jista' jkun, b'abbuż. Naturalment ukoll, il-kollezzjonisti tal-bolli oġġezzjonaw bil-qawwa għax qalu li, issa, kien ser ikun ferm diffiċli għalihom biex jakkwistaw din il-bolla. Infatti, kienu diġà bdew jissemmew prezzijiet fenominali ta' eluf ta' dollari minħabba r-rarità tagħha. Il-kompromess li ntlaħaq kien li jinħarġu mija u ħamsin elf waħda għal bejgħ, permezz ta' lotterija, bil-prezz uffiċjali, dak iż-żmien, ta' disgħa u għoxrin ċenteżmu kull bolla, bil-limitu ta' mhux iktar minn waħda kull familja. B'hekk, fl-istess ħin, il-posta ġabret l-ispejjeż kollha li kienet għamlet ukoll.

Sadattant, saret stampa ġdida bbażata fuq *poster* ta' *film* biex il-folja terġa' tinħareġ mill-ġdid, din id-darba, bl-immaġini korretta. Dan kien effett ieħor pożittiv b'riżultat ta' ħruġ ta' bolli għax, b'hekk, ma kienx baqa' iktar skużi biex l-iżball bejn Bill u Ben ikompli jipperpetwa ruħu.




Fl-aħħar nett, irrid inżid ngħid ukoll li l-attur Bokeem Woodbine ħadem il-parti ta' Bill Pickett fil-*film* tal-2013 li jġib l-isem ta', *They Die by Dawn*.

## L-aħħar tektika

*Tony Cardona*

L-arloġġ ikejjel il-ħin
taż-żmien għaddej bla waqfien
li miegħu lkoll ninġarru
f'dagħbien ta' univers bla tmiem.
Kif tagħmel biex twaqqfu ffriżat
bħal stampa mpinġija mal-ħajt
li tfakkrek fil-ġmiel tan-natura
u x-xenarju sabiħ li kont rajt?

Jew
Kif tagħmel biex f'qalbek iżżommu
b'tifkira ta' mħabba eterna
li, xi darba, kont doqt?
Għidli Mulej, ħa nistabar!
Tħallinix inbati bil-ħsieb
li, xi darba, anki jien
għad tasalli l-aħħar tektika
tal-arloġġ ta' ħajti
u nibqa' ma nafx it-tweġiba!

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI
NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Members of AGE Platform Europe

Nanniet Malta
Grandparents Malta

# Open-Ended Working Group on Ageing (OEWG) Awareness Meetings with Maltese President and Political Class

*Scope of Meetings*

The main objectives of these meetings, were to sensibilise the political class on the OEWG commitment strategy (on one part), and for the Council for the Elderly, the Association of Pensioners and Nanniet Malta (on the other part), to work in harmony towards the achievement of the anticipated results, which are:

- Secure awareness with the government's position in relation to a new UN Convention on the rights of older persons;
- Request the Maltese Government to lead discussions in conjunction with these three organisations, the main representatives of the Maltese elderly, in order to identify the modality for the protection of senior citizens rights in relevant discussions at EU and UN level.
- Likewise appeal to the Leader of the Opposition in Malta, to guarantee the future continuity of the above policies in the event of a change of government at the next general elections; .
- Recognition by the Head of State by acknowledging the above stances.

*Text of the basic subject for discussion, was transmitted to the President of Malta, the Prime Minister, the Minister of Active Ageing,the Leader of the Opposition and The Shadow Minister*

Meetings held by chronology were as follows:

***Meeting held on the 1st October 2021 with the Leader of the Opposition - Dr Bernard Grech***

Attendance by the representatives of the Maltese senior citizens, focused on the OEWG through constructive discussions on a national basis, in a bid to narrow the gaps for Senior Citizens rights on abuse and the commitment of a strong declaration of the rights of older persons at national, regional and international levels.
This position was stressed upon, as a concerted national effort, by all key players in the achievement of the anticipated social justice for the elderly, in particular by protecting the rights of older persons.
During this meeting, reference was made to the Madrid International Plan of Action of Ageing (MIPAA) and stressed the need for senior citizens, particularly their representative organisations, to participate in future discussions about the new UN Convention on the aged as the ideal catalyst for positive change.
Furthermore, KNA representing 21 affiliated organisations, would seek also their direct participation and also of other NGOs



*OEWG Meeting with Hon. Dr. Bernard Grech MP, Leader of the Opposition and of The Nationalist Party (From left: Mr. Philip Chircop – Founder of Nanniet Malta, Mr. Louis Cilia – President of NAP, Mr. Peter Paul Bonnici – President of KNA, Hon. Dr. Bernard Grech MP, Leader of the Opposition and Hon. Maria Fatima Deguara MD, MP, Spokeperson for the Elderly and Community Care)*

***Meeting held on the 6th October 2021 with the President of Malta His Excellency Dr George Vella***

This meeting was held at San Anton Palace at more length than the

previous ones. As a result, more items were included in the discussions besides the ones outlined above, including the raising of awareness on ageism and age discrimination. This item highlighted the destructive element focusing on human rights violations towards senior citizens. It is perceived, that a new convention could increase government and public awareness on ageism and discrimination against the elderly, that would dismantle those predispositions leading to unjustifiable attitudes as well as unacceptable practices.

His Excellency stressed his belief that certain discriminatory laws for older citizens, entrenched in our constitution, need to be revised as is the case for the mandatory retirement ages restricting retired persons from continuing to participate in the national workforce, thus denying the elderly from continuing to contribute to the national economy. A practical tool towards active ageing.

Furthermore, it was also discussed whether an international monitoring mechanism could be used as an effective watchdog to check on any violations that would arise on human rights of old aged people from time to time.



*OEWG Meeting with His Excellency, Dr. George Vella, The President of Malta. From left: Mr. Joseph Zammit - Hon. Secretary of KNA, Mr. Godwin C. Micallef - Treasurer of KNA and Member of NAP, Mr. Peter Paul Bonnici – President of KNA, His Excellency, Dr. George Vella, President of Malta, Mr. Charles Micallef –Vice President of NAP , and Dr. Anthony De Giovanni – International Secretary of KNA*

***Meeting held on the 26th October 2021 with the Hon. Minister for Active Ageing – Hon Michael Farrugia***

Our attendance at this meeting focused primarily on the launching of a robust championing mechanism through which current applications to the rights of senior citizens are disseminated for general public attention leading to a situation where reports on human rights violation and abuses are monitored and brought to the attention of the authorities concerned for necessary corrective action in appropriate time, such as cases of abuses experienced by senior persons which are extensive (very much more than many are aware) and mostly pass unnoticed for long periods of time leading to long-term suffering or permanent damage on the old-aged person/s concerned.

The above could be achieved through the awareness and mentoring of a new UN Convention as well as through regional, national and local policies, for the legislative frameworks that would be enacted by parliament.

It is our strong conviction that Ageism, as well as other discriminatory measures throughout society, are curtailing the effectiveness of pertinent positive policies and laws on old-aged persons. The breakthrough could only be achieved through Government leading constructive discussions by the participation of civil society as a whole and in particular of our senior citizens (and their representative organisations), who, after all, promoted our country to the level we all enjoy today.



*OEWG Meeting with Hon. Dr. Michael Farrugia MD - Minister for Senior Citizens and Active Ageing (From left: Mr. Philip Chircop – Founder of Nanniet Malta, Hon. Dr. Michael Farrugia MD, MP, Mr. Louis Cilia – President of NAP, and Mr. Peter Paul Bonnici – President of KNA)*

| | | |
|---|---|---|
| *Peter Paul Bonnici*<br>*President – KNA* | *Louis Cilia*<br>*President – NAP* | *Philip Chircop*<br>*Founder – Nanniet Malta* |

# Nazju Abela f'Intervista ma' Bertie Muscat

Bertie Muscat huwa isem magħruf u rispettat ħafna fix-xena sportiva, l-aktar fil-Logħob Olimpiku. U, kif se taraw f'din l-intervista, dan mhux biss f'Malta imma anki barra. Qabelxejn Bertie, irrid nirringrazzjak talli aċċettajt l-istedina tiegħi proprju jumejn wara li għalaqt tnejn u disgħin sena u ċċelebrajt it-tmienja u sittin anniversarju miż-żwieġ tiegħek ma' Emily, nee' Vella. Naf ukoll li għandkom erba' wlied: MaryAnne, Jude, Joseph u Bryan, u anki intom nanniet ta' tmienja u bużnanniet ta' erbgħa.

**Ngħaddi għall-ewwel mistoqsija: Għidilna xi ħaġa fil-qosor dwar fejn twelidt, fejn ħadt l-edukazzjoni tiegħek u dwar il-familja sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol.**

Twelidt il-Ħamrun u bdejt l-edukazzjoni tiegħi fl-iskola Primarja t'hemmhekk. Komplejt bl-edukazzjoni sekondarja ġewwa s-Seminarju. Minħabba l-*Air Raids*, l-ewwel tliet snin kienu diżastru; aktar konna nqattgħu ħin fix-xelter milli fil-klassi. L-istudenti tal-Form V kienu jkomplu bl-istudji fix-xelter imma aħna konna nilagħbu bil-kupuni; passatemp komuni dak iż-żmien. Sfortunatament, is-Seminarju tal-Furjana kien ibbumbardjat u konna trasferiti għal Birkirkara. Intilef ħafna żmien sakemm komplejna bl-istudji tagħna. Fit-tielet sena, erġajna ċċaqlaqna u komplejna s-sekondarja fl-Iskola primarja ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

**Għidilna xi ħaġa dwar il-karriera personali tiegħek; fejn kont impjegat u kif kienet Malta fi żmien żogħżitek.**

Kien żmien diffiċli biex wieħed isib impjieg. Min kien suldat fil-Gwerra kellu l-opportunità jidħol fiċ-Ċivil b'minimu ta' erbgħin fil-mija tal-marki f'kull suġġett waqt li aħna konna rridu nġibu sittin fil-mija. Kien hemm minn sħabi li marru skrivani d-Dockyard, jew mal-Forzi Armati. Jien kont ixxurtjat bdejt naħdem mal-Gvern bħala *Clerk Typist* fid-Dipartiment tas-Saħħa. **Ħdimt ukoll man-Nutar tal-Gvern**. Għamilt l-eżami għal *Clerical Officer* u kont trasferit għat-Teżor, fejn bqajt sakemm irtirajt ta' wieħed u sittin sena bħala *Administrative Officer*. It-Teżor ħdimt f'diversi sezzjonijiet, fosthom, il-Bank tal-Gvern, bħala *Chief Cashier* fil-*Cash Section*, fejn kont inkarigat mir-Reconciliation Section u, fl-aħħar, spiċċajt fl-*Accounts Section*.



**Żgur li, f'żogħżitek, kont attiv ħafna. Liema kienu dawk l-għaqdiet volontarji li tajt sehem fihom u kif bdiet u kompliet il-karriera tiegħek fl-isport?**

Peress li, fis-sajf, konna mmoru San Pawl il-Baħar, kont assoċjajt ruħi mat-team tas-Sirens. Bdejt mal-*Minors* u bqajt tiela sal-l-Ewwel Divizjoni. Kont membru tat-team meta, għall-ewwel darba, is-Sirens rebħu ċ-*Championship* tal-Ewwel Divizjoni. Kont nieħu sehem fis-swimming regattas organizzati mill-ASA u minn diversi *clubs*. Dejjem ġejt l-ewwel ħlief darba, meta spiċċajt it-tieni.

Fl-1958 kont magħżul biex nirrapreżenta lil Malta fil-*British Empire & Commonwealth Games* u din kienet l-ewwel darba li Malta ħadet sehem f'dan il-logħob.

Meta waqaft mill-atletika, dħalt membru fl-A.S.A. nirrappreżenta lis-Sirens. Maż-żmien, kont elett Segretarju u, wara, President tal-A.S.A.

Il-LEN (*Ligue Europeenne de Nation*) għażlitni bħala Membru tal-Kumitat Ewropew tal-*Water Polo*; kariga li fiha domt inservi tmien snin. Imbagħad, Segretarju tal-istess kumitat għal tlettax-il sena oħra. Il-LEN għoġobha tinnominani bħala LEN *Hon Bureau Member* u, bħala tali, għadni niġi mistieden *as a distinguished VIP Guest*, għal kull finali u għall-*European Water Polo Championships*.

**Min hu tal-età tagħna jafek attiv ħafna fil-Kumitat Olimpiku Malti u anki f'għaqdiet oħrajn nazzjonali u internazzjonali marbutin mal-isport. Nixtieqek telenka din il-ħidma vasta tiegħek.**



Fil-Kumitat Olimpiku Malti domt erbgħin sena. Bdejt bħala Membru nirrappreżenta l-A.S.A. Imbagħad, okkupajt il-pożizzjonijet ta' Kaxxier, ta' Segretarju u Viċi President. Kont magħżul f'sottokumitat tal-*European Olympic Committee* fuq marketing fiż-żmien meta waqa' l-komuniżmu. Bdejna kampanja biex ngħallmu pajjiżi exkomunisti kif għandhom jiġġeneraw fondi għall-atleti tagħhom minħabba li l-gvernijiet kommunisti ma baqgħux jagħtu flus lill-għaqdiet sportivi tagħhom. Bla dubju, l-aktar ħaġa għal qalbi kienet meta rnexxieli nwaqqaf il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar (GSSE). Domt Segretarju ta' dan il-logħob għal għaxar snin. Dawn għadhom jagħtu l-frott tagħhom sal-lum. Barra milli għenu Maltin jirbħu midalji, servew ta' tarka għall-parteċipazzjoni b'suċċess f'kompetizzjonijiet akbar bħalma huma l-*Mediterraean Games* u l-*Commonwealth Games*. Għadna nittamaw li nirbħu midalja olimpika li żgur għad tasal u ma ddumx. Għandi pjaċir ngħid li, wara li waqqaft il-GSSE, ġejt mogħti s-*Silver Olympic Order* mill-mejjet President Samaranch. Il-Gvern ta' Malta wkoll onorani billi għamilni Membru tal-Ordni tal-Mertu.

L-esperjenza tiegħi ta' Logħob Internazzjonali tinkludi ħames sessjonijiet tal-Olimpjadi, sitt *Mediterranean Games*, ħames *Commonwealth Games* u disgħa

tal-GSSE. Fil-LEN, kont Delegat nikkontrolla eluf ta' logħobiet tal-*Water Polo*, kemm f'tournaments kif ukoll *f'European championships*. Kont ukoll *lecturer* u eżaminatur ta' *Referees* ġodda u ħrigt *handbook* ta' linji gwida għar-*referees* kollha.



**Meta jien kont *Chairman* tal-Kumitat Festi Nazzjonali, niftakrek *Chief Judge* tar-Regatta Nazzjonali fil-Festi Nazzjonali tal-Vitorja u tal-31 ta' Marzu. X'memorji għandek ta' dawn l-avvenimenti?**

L-ewwel kuntatt mar-Regatta kien meta l-Ministru tal-Edukazzjoni, Dr Ugo Mifsud Bonniċi, inkarigani, flimkien ma' Albert Callus, biex nissuġerixxu xi tibdiliet fit-tiġrijiet. Wara li smajna l-klabbs individwalment, konna ssuġġerejna li qaddief ma jistax jieħu parti f'aktar minn tliet tiġrijiet u li dawn m'għandhomx ikunu konsekuttivi. Xi qaddiefa qalu li konna rfisna fuq id-drittijiet tagħhom però, il-Qorti Kostituzzjonali ma laqgħetx l-ilmenti li għamlu. Meta kont nominat *Chief Judge* tar-Regatta, innutajt li ħafna mill-protesti kienu frivoli. Għaldaqstant, introduċejt ħlas ma' kull protest. Dan għen biex il-protesti jonqsu konsiderevolment u kien iffrankat ħafna żmien. Id-deċiżjonijiet li kont nieħu fuq il protesti kienu dejjem ibbażati fuq ir-regolamenti u, allura, qatt ma kelli problemi.



**X'int tagħmel illum wara li rtirjat mill-impenji tiegħek u x'messaġġ tixtieq tgħaddi lill-anzjani li jaqraw dan il-*magazine*?**

Jien ma nafx jekk irtirajtx jew le għax, mal-attivitajiet li diġà semmejt, kont  President tal-Kunsill ta' żewġ skejjel sekondarji. Għamilt żmien fil-Kumitat tal-Banda, Maria Reġina tal-Marsa fejn, wara żmien qasir, kont elett President. Kont fuq diversi *boards* ta' protesti u appelli ta' diversi assoċjazzjonijiet fosthom, l-MFA, l-ASA, il-*Basketball* u l-*Judo*. Kont nattendi grupp ta' talb u anki konferenzi annwali tat-Tiġdid Karismatiku. Dawn kont inħosshom isostnuni spiritwalment.



L-aħħar messaġġ tiegħi lill-anzjani kollha huwa x'hemm li jżommhom milli jkunu daqstant attivi huma wkoll?

**Nota: L-intervista fil-ħarġa li jmiss ser tkun mal-awtur magħruf, Trevor Zahra**

# Pawlu taż-Żurrieq

## Poeżija ta' Anġelo Camilleri li joqgħod l-Ingilterra



"Ejjew ixtru l-frott, sinjuri!" jgħajjat Pawlu taż-Żurrieq
meta jiġi bil-vann tiegħu u jipparkja f'nofs it-triq.
"Ejjew ixtru minn dan l-għeneb!  Ħelu zokkor issibuh.
Qalbkom żgur li tfur bil-hena malli intom idduquh.
Jew, inkella, ftit għajnbaqar, jew tin iswed, kbir, matur.
Għadu frisk; qtajnieh dalgħodu. Araw ftit kemm hu misjur!

Ejja, għidli ħalli mmorru!  X'ser inqiegħed fil-miżien?
Larinġ, ħawħ, jew xi banana?   Għax minn kollox għandi jien!
Araw ftit x'għandi għalikom!  Dulliegħ aħmar u bettiegħ,
naspli, tut, ċirasa ħelwa. Kollox b'xejn qiegħed noffrih!"
Meta mbagħad Pawlu jbigħ kollox, tarah sejjer lejn id-dar,
jasal, jinża', ipoġġi, jiekol u jistrieħ għal nofstanhar.



# L-istorja tal-Mediċina

**Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino**



### Harvey Cushing

Harvey Cushing, kirurgu Amerikan, twieled fi Cleveland, Ohio, fit-8 t'April 1869. Iggradwa mill-Università ta' Yale fl-1891 u mill-Iskola Medika ta' Harvard fl-1895.

Lura Baltimore, Cushing okkupa diversi karigi u, fl-Isptar Johns Hopkins, kien inkarigat mill-każi ta' operazzjonijiet fis-sistema nervuża. Kiteb ħafna dwar operazzjonijiet fil-moħħ u żviluppa l-metodu ta' operazzjoni bil-*local anaesthetic*.

Minbarra mill-ħafna kitba fuq suġġetti mediċi, fl-1925, Cushing kiteb ukoll *Life of Sir William Osler*, li rebaħ il-Pulitzer Prize fil-qasam tal-biografiji.

Cushing sar professur tan-newroloġija fl-Università ta' Yale fl-1933 u miet sitt snin wara, jiġifieri, fl-1939.



### Walter Bradford Cannon

Walter Bradford Cannon, fisjoloġista Amerikan, twieled fi Prairie du Chien, Wisconsin, fid-19 t'Ottubru tal-1871. Ħa d-degree medika tiegħu mill-Università ta' Harvard fl-1900 u sar professur tal-fisjoloġija fl-1906; kariga li baqa' jżomm sa ma rtira fl-1942.

Dr. Walter Bradford Cannon kien l-ewwel wieħed li utilizza l-*X-Rays* li kienu għadhom kemm ġew skoperti minn Wilhelm Konrad Röntgen fl-1895.

Fl-1911, Cannon ippubblika l-istudju klassiku tiegħu *Mechanical Factors of Digestion*. Minbarra dan, l-istudji li huwa għamel, flimkien ma' W.M. Bayliss matul l-Ewwel Gwerra dwar l-emoreġija u x-xokk trawmatiku, wasslu għall-ktieb ieħor bl-isem: *Traumatic Shock,* li deher fl-1923.

Dr. Walter Bradford Cannon miet fl-1 t'Ottubru 1945 fl-età ta' kważi erba' u sebgħin sena..



### Sir Alexander Fleming

Fleming twieled f'Lochfield, fl-Iskozja, fl-1881. Eduka ruħu fl-Akkademja ta' Kilmarnock u fl-Iskola Medika ta' St Mary's Hospital tal-Università ta' Londra.

Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, Fleming serva bħala kaptan fl-Armata Ingliża. Fl-1928, huwa sar *lecturer* fir-*Royal College of Surgeons*. Barra minn hekk, Alexander Fleming kien jagħmel ħafna xogħol esperimentali. L-ewwel frott tat-tiftix tiegħu kienet is-sejba tal-antibijotiku *Lysozyme* u, ftit wara, fl-1928 stess, Alexander Fleming skopra l-peniċillina.

Fl-1929, Fleming ippubblika r-riżultati li wasal għalihom fil-*Journal of Experimental Pathology*. Għamluh fellow of the Royal Society fl-1943; sar *Sir* fl-1944 u kien mogħti l-Premju Nobel għal Mediċina fl-1945.

Sir Alexander Fleming miet fl-1955.



### Il-Konti, Sir Luigi Preziosi

Huwa l-pjaċir tiegħi li, f'din il-mixja tal-istorja glorjuża tal-mediċina, niltaqgħu anki ma' xi Maltin li taw il-kontribut siewi tagħhom tul is-snin. Iktar qabel, diġà semmejna lil Sir Temi Zammit u issa jmiss li ngħidu xi ħaġa dwar l-oftalmoloġista Malti ta' fama mondjali, jiġifieri, il-Konti, Sir Luigi Preziosi. Luigi Preziosi, speċjalista tal-għajnejn, twieled Tas-Sliema nhar id-29 ta' Lulju tal-1888. Wara li ggradwa bħala tabib mill-Università Rjali ta' Malta fl-1907, speċjalizza f'Ruma u, fl-1920, kiseb id-Diploma fl-Oftalmoloġija minn Oxford. Fl-1924, kien maħtur Professur tal-Oftalmoloġija fl-Università ta' Malta u kien interessat ħafna fil-marda tat-trachoma li kienet mifruxa ħafna f'Malta dak iż-żmien. Jiena niftakar li, fis-snin ħamsin, meta kont immur l-iskola primarja, minn żmien għal żmien, kienu jiġu jqattrulna f'għajnejna minħabba din il-marda u niftakar ukoll li kont nismagħhom jgħidu li, billi ħafna mit-toroq kienu għadhom mhumiex asfaltati, it-trab li kien itir minnhom kien jikkawża t-*trachoma*.

Fl-1924 stess, Luigi Preziosi bena reputazzjoni internazzjonali għalih innifsu meta ppubblika l-istudju tiegħu li fih ħareġ b'mod oriġinali kif tista' ssir l-operazzjoni tal-

*glaucoma* fil-għajn; trattament li baqa' jġib ismu, jiġifieri, l-operazzjoni Preziosi.

Għall-kontribut tiegħu, Luiġi Preziosi ingħata t-titlu ta' Sir mir-Re Ġorġ VI fl-1948.

Il-Konti, Sir Luigi Preziosi miet, l-għada li għalaq seba' u sebgħin sena, fit-30 ta' Lulju tal-1965.

**Sir Frederick Grant Banting**



Frederick Grant Banting Twieled il-Kanada fl-1891 u studja fl-Università ta' Toronto. Fl-1922, thabbar li Frederick Grant Banting, flimkien mal-Professur Macleod, irnexxielhom jippreparaw l-insulina wżata f'każi ta' dijabete.

Banting inħatar professur tar-riċerka medika fl-Università ta' Toronto fl-1923 u, fl-istess sena, flimkien mal-Professur Macleod, rebħu l-Premju Nobel għall-Mediċina. Fl-1923 stess, il-Parlament Kanadiż ivvota somma ta' £1,500 fis-sena ħalli Banting ikun jista' jkompli bir-riċerka tiegħu u, fl-1924, twaqqfet il-*Banting Research Foundation*. Fl-1930, ġie miftuħ il-*Banting Institute* ġewwa Toronto.

Frederick Grant Banting sar K.B.E. (Knight of the British Empire) fl-1934. Sir Frederick Grant Banting miet f'inċident tal-ajru fil-21 ta' Frar 1941 fi Newfoundland, il-Kanada.



**Christian Barnard**

Christian Barnard, kirurgu kardijaku, twieled f'Beaufort West, l-Afrika t'isfel, fit-8 ta' Novembru 1922. Fl-1953, Barnard kiseb master's degree mill-Università ta' Cape Town u Ph.D. mill-*Minnesota Medical School* fl-1957. Wara, Christian Barnard mar lura f'pajjiżu u beda karriera bħala kirurgu tal-qalb. Hemmhekk, Barnard introduċa l-*open heart surgery*, iddisinja valvi artifiċjali għall-qalb umana u esperimenta bit-trapjanti tal-qalb fuq il-klieb.

Wara għaxar snin ta' prattika, studju u esperimentazzjoni, Christian Barnard ħassu kunfidenti biżżejjed biex jidħol għall-isfida li ġġib magħha operazzjoni ta' trapjant tal-qalb fuq il-bniedem. Infatti, fit-2 ta' Diċembru tal-1967, il-qalb ta' tfajla li tilfet ħajjitha f'inċident, kienet trapjantata f'pazjent li kellu qalbu difettuża, li kien lest jirċeviha u li aċċetta r-riskju involut spjegat lilu.

Christian Barnard baqa' famuż meta għamel operazzjoni ta' trapjant ta' qalb umana li kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha li, fiha, wara l-operazzjoni, il-pazjent ġie f'tiegħu u anki baqa' ħaj, jgħix b'qalb oħra li ma kinitx oriġinarjament tiegħu, għal ċertu żmien wara. Kull bidu huwa diffiċli imma, biż-żmien, operazzjonijiet bħal dawn bdew isiru b'aktar suċċess ukoll. Għall-kontribut tiegħu f'dan il-qasam, Christian Barnard irċieva għadd ta' unuri, fosthom, id-*Dag Hammarskjold International Prize and Peace Prize*, il-*Kennedy Foundation Award* u l-*Milan International Prize for Science*.

Christian Barnard miet fit-2 ta' Settembru tas-sena 2001 waqt li kien għal btala f'Paphos, ġewwa Ċipru. Huwa kellu tmienja u sebgħin sena.

## Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba taghhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna *email* fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.

# Il-Liżar ta' Turin – L-ewwel parti

**Kitba ta' Anthony Cardona**

**Deskrizzjoni tal-Liżar**

Il-Liżar ta' Turin, magħruf bl-Ingliż bħala, *The Shroud* u, bit-Taljan, bħala *La Sacra Sindone*, huwa biċċa drapp tal-għażel li fuqha hemm l-immaġini tridimensjonali, minn quddiem u minn wara, ta' bniedem li kien ifflaġellat u kkunndannat għall-mewt bit-tislib. Ħafna jemmnu li l-immaġini fuq dan il-Liżar hija ta' Kristu u li d-drapp huwa l-kefen li fih, anki skont ir-rakkont tal-Evanġelji, Ġużeppi minn Arimatija, kebbeb il-ġisem mejjet ta' Ġesù wara l-kruċifissjoni u qiegħdu fil-qabar. Illum, dan il-Liżar jinsab fil-Katidral ta' Turin, l-Italja u, għal ħafna snin, ilu jiġi eżaminat, studjat u mgħarbel bir-reqqa minn għadd kbir ta' studjużi u xjenzati minn madwar id-dinja.



Din ir-relikwa hija liżar kbir ta' ftit iktar minn erba' metri tul u kemm kemm ikbar minn metru wisa'. Id-drapp huwa tal-għażel magħmul mill-qanneb minsuġ fi djagunal u għandu lewn sfajjar mitfi li, fuqu, tista' tara bħal dellijiet li juru xbieha umana minn quddiem u minn wara. In-naħa ta' quddiem, turi immaġini ta' raġel bid-daqna u l-mustaċċi u xagħar twil sal-ispallejn, mifrud min-nofs. Studji juru li, bejn wieħed u ieħor, ir-raġel kien twil xi metru u ħamsa u sebgħin ċentimetru, immuskolat u jiżen madwar tmenin kilĐ. Fuq din l-immaġini, jidhru s-sinjali mitfija li jikkorrispondu mal-pjagi u l-ġrieħi li ġarrab Ġesù Kristu waqt il-passjoni u l-kruċifissjoni tiegħu. Fuq quddiem, jidhru t-toqob tal-imsiemer fil-polz u ferita kbira fil-kustat tal-lemin, waqt li, min-naħa ta' wara, jidhru l-marki tal-flaġellazzjoni u t-tbenġil fuq l-ispallejn magħmul mis-Salib li Ġesù kellu jġorr fuq spallejh sal-Golgota. Dawn iż-żewġ immaġinijiet huma f'linja dritta tul il-Liżar u jħarsu lejn direzzjoni opposta, bir-ras minn quddiem u minn wara kważi tmiss ma' xulxin fin-nofs tal-Liżar.

**L-istorja**

Skont l-Evanġelju ta' San Mark, kien ġa sar filgħaxija u, billi kien jum it-Tħejjija, jiġifieri lejlet is-Sibt, Ġużeppi minn Arimatija, membru tal-Kunsill, li hu wkoll kien jistenna s-Saltna t'Alla, għamel il-ħila, daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu stagħġeb li kien ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun, staqsieh jekk kienx ilu li miet u ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi. Dan xtara liżar tal-għażel, niżżel lil Ġesù mis-salib, keffnu fil-liżar, u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat. Imbagħad, gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar. Marija ta' Magdala u Marija omm Ġesù qagħdu jaraw fejn tqiegħed.

Wieħed jista' jifhem li, wara li għadda kollox u Ġesù rxoxta mill-mewt u tela' s-sema, l-appostli ħbew il-kefen tal-Mulej għal aktar minn raġuni waħda. L-ewwel nett, barra milli kien prova tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt, il-Liżar kien wieħed mill-aqwa relikwi tal-Kristjaneżmu għax fih kien tkebbeb il-ġisem mejjet ta' Ġesù. Imbagħad, kien hemm ukoll il-biża' li xi ħadd, kemm barra mill-kommunità nisranija u forsi anki minn ġewwa, seta' jipprova jisirqu biex jeqirdu jew biex iżommu għalih. Il-Lhud kienu jqisu l-kefen ta' bniedem mejjet bħala xi ħaġa mniġġsa u, allura, kienu jaraw kif jagħmlu biex jiddisponu minnu. Għaldaqstant, kien ta' importanza kbira għall-appostli li jaħbuh biex jippriservawh. It-tradizzjoni tgħid li l-kefen ta' Ġesù ħadu Pietru imma, wara l-mewt ta' San Pietru, ippriservawh l-insara billi ħbewh minn ġenerazzjoni għal oħra.

Wara li r-Rumani assedjaw u farrku Ġerusalemm fis-sena 70, ħadd ma jaf x'ġara eżattament mill-kefen ta' Ġesù imma, fl-ewwel seklu, jingħad li biċċa drapp misterjuża li għandha l-qawwa tal-fejqan u li ġġib l-immaġini ta' Kristu, instabet f'Edessa, fit-Turkija. Jingħad li kien Ġuda Taddew li ħadha hemm. Wara ħafna żmien, fir-raba' seklu, f'katalgu qadim tar-relikwi tal-Passjoni ta' Ġesù, tissemma l-eżistenza tal-Liżar ta' Kristu. Dawn ir-relikwi kienu miġburin minn Santa Liena, omm l-Imperatur Kostantinu, u meħudin Kostantinopli. Matul il-persekuzzjoni kontra l-Insara, jingħad li l-kefen kien moħbi ġo wieħed mill-ħitan tal-fortifikazzjoni fil-belt ta' Edessa. Fis-sena 525, għamlu għargħar kbar, faret ix-xmara Daisan u l-belt ta' Edessa għerqet. Iġġarraf ħafna bini storiku u waqgħu bosta ħitan. Fis-sena 544, meta ġew biex iħottu l-ħitan imġarrfa tal-belt ħalli jibnuhom mill-ġdid, sabu biċċa drapp moħbija ġo ħajt fuq wieħed mill-bibien tal-belt li fuqha kien hemm l-immaġini ta' Kristu. Jingħad li, wara li kienet ilha moħbija għal xi erba' mitt sena, din ir-relikwa baqgħet fil-pussess tal-Imperaturi Biżantini.

Fis-sena 787, waqt it-Tieni Konċilju ta' Niċea, li kien jittratta dwar il-venerazzjoni tal-ikoni Nsara, ir-relikwa ta' Edessa kienet issemmiet bħala l-ikona li mhix impittra bl-idejn. U fis-sena 944, meta l-armati Biżantini wettqu kampanja militari kontra s-Sultanat Għarbi f'Edessa, żammew il-Liżar f'idejhom u ppreservawh f'Kostantinopli. Però, dan it-tagħrif waslilna bit-tradizzjoni u m'hemm ebda dokumenti stroriċi li juru dan. Hemm biss ħafna rapporti minn ħafna nies minn diversi postijiet li qalu li raw il-kefen ta' Kristu li kien venerat f'ħafna pajjiżi. Fl-1147, ir-Re Luiġi V11 ta' Franza mar iżur il-kefen f'Kostantinopli bħala devozzjoni u, fl-1171, Manuel Comnenus wera r-relikwi tal-passjoni ta' Kristu lir-Re ta' Ġerusalemm. Fis-17 ta' Lulju, 1204, Kostantinopli waqgħet f'idejn il-kruċjati Nsara u ħadd ma jaf x'ġara eżatt minn din ir-relikwa. Li nafu hu li, xi mija u ħamsin sena wara, il-Liżar deher għall-ewwel darba f'Lirey, fi Franza u, illum, nafu li huwa l-istess wieħed li issa jinsab fil-Katidral ta' Turin. Kien proprju fl-1354, meta l-Konti Goffredu ta' Charny, fi Franza, għadda l-Liżar f'idejn il-Kanonċi ta' Lirey, li tibda s-sekwenza storika tal-Liżar ta' Kristu li hija vverifikata minn dokumenti storiċi. Minn din id-data 'l quddiem, id-dokumentazzjoni storika hija ċerta u kontinwa u l-Liżar ta' Lirey huwa l-istess wieħed li llum hemm f'Turin.






# Le, mhux int biss Carmen Dimech

**Kitba ta' Nazju Abela**

Għoġobni ħafna l-artiklu interessanti u nebbiexi ta' Carmen Dimech fl-aħħar ħarġa ta' dal-*magazine*, intitolat, *Imma tgħid jien biss?*

Le, mhux int biss Carm tħossok perplessa b'dak li tisma' meta tkun qed issegwi xi diskursata jew diskussjoni fuq l-istazzjonijiet kollha tar-radju Maltin, mingħajr ebda eċċezzjoni. Kliem bħal, *perpless, b'mod ħolistiku,* jew *sottili, paradoss, pwerili, impulsiv, tanġibbli, reżiljenti, inkunu kawti, herd immunity, narrattiva* u *moratorju,* nisimgħuhom kuljum. U kuljum tfisser filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija. Ġieli anki waqt xi program tal-kċina u r-riċetti!

Ngħiduha kif inhi, dawn il-kliem u espressjonijiet mhux kollha huma fiergħa u mhux kollha għandna kelma Maltija għalihom. Però, huwa veru wkoll li, kif qalet Carmen, xi wħud jużawhom biex jimpressjonaw, oħrajn għax qatt ma jaqraw bil-Malti u oħrajn għax hekk tiddettalhom l-intelliġenza tagħhom.

Hemm ħaġ'oħra li ddejjaqni iktar meta, bil-paċenzja, inkun qed nisma' xi diskussjoni jew anki sempliċi intervista. Hemm tliet kelmiet li, almenu f'dawn l-aħħar tletin sena, saru qishom parti obbligatorja ta' min jieħu sehem: **ovvjament, bażikament** u **naturalment**. Tkun qed tistenna tweġiba għal mistoqsija, hi x'inhi, u dak li jkun jibda b'xi waħda minn dawn it-tliet kelmiet meta, dak li jkun qed jgħid, la jkun ovvju, la naturali u wisq anqas bażiku. Immaġinawni qed nintervista lill-editur ta' dal-*magazine* u nistaqsih: "Allura, Vince, issa kemm ilek editur ta' l-Anzjani Llum"? u hu jweġibni: "Bażikament, issa, ili għal dawn l-aħħar….." Nistħajjilkom tgħidu: "X'hemm bażiku jekk Vince ilux seba' snin jew sebgħin sena? Appuntu! Dan huwa dak li qed nipprova nisħaq fuqu!

Darba waħda, kont fil-karozza mal-mara, qed insegwi diskussjoni fuq ir-radju u l-mara qaltli: "X'il-marelli qed tgħodd?" Għidtilha bil-pulit biex ma ttellifnix. X'ħin xbajt, tfejt ir-radju u għidtilha, "Sbatax!" "Sbatax xiex?" staqsietni. "Sbatax-il darba rrepeta l-kelma *ovvjament* u mhux żgur darba kien jidher li hu ovvju."

**Naturalment**, għalxejn ġieli ġbidt l-attenzjoni ta' min hu nkarigat għax, **ovvjament**, ma ħa ebda passi peress li, **bażikament**, ma tistax issir diskussjoni mingħajr ma ndeffsu dawn il-kliem. U, kif konna ngħidu meta konna nsolvu xi problema tal-ġometrija, *quod erat demonstrandum*.

# Anniversarji mużikali marbutin mas-sena 2022

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Bħalma soltu nagħmel, l-ewwel artiklu tas-sena norbtu ma' anniversarji mużikali għas-sena l-ġdida. Għal din is-sena, 2022, sibt dawn l-anniversarji; kollha ta' kompożituri kbar.



**Franz Schubert**

Din is-sena, Schubert jagħlaq 225 sena mill-mewt tiegħu. Dan il-kompożitur twieled f'post qrib sewwa ta' Vjenna fil-31 ta' Jannar tal-1897 u ħasra li miet żgħir meta kellu biss 31 sena. Mhux hekk biss, imma miet mingħajr ma kien jaf bil-kobor tal-mużika tiegħu. Kellu jkun Mendelssohn li skopra l-kobor tal-mużika ta' Schubert u dan wara mewtu. Wara Mendelssohn, komplew kompożituri oħrajn - Robert Schumann, Franz Liszt u Brahms - li kollha taw l-importanza li tassew tixraq lil dan il-kompożitur prodott tal-*Vienna Boys Choir*.

Minkejja l-ħajja qasira tiegħu, Schubert ħalla ismu fost il-kbar nett tal-mużika romantika serja. Biżżejjed wieħed isemmi s-600 għanja klassika tiegħu (*lieder*) fost l-aqwa (jekk mhux l-aqwa) f'dan il-qasam. Għandu wkoll sinfoniji, waħda minnhom mhux mitmuma u ta' ġmiel kbir. Schubert ikkompona wkoll mużika sagra, opri, mużika inċidentali u mużika *da camera*. Fi żmienu, xi xogħlijiet tiegħu kienu jindaqqu fil-privat u kien apprezzat biss minn ftit ħbieb tiegħu. Ħadd iżjed ma kien jaf bih. Hawn min jgħid li miet bit-tifojde imma xi storiċi jgħidu li miet bis-sifilide.

**Joseph Haydn**



Jiena wieħed minn dawk li għandhom ammirazzjoni kbira għal dan il-kompożitur mill-Awstrija u dan għar-raġuni li jiena (bħal ħafna oħrajn) insejħulu missier il-mużika klassika. Kollox beda minnu fil-mużika klassika. Ikkompona minn kollox u mexxa l-mużika 'l quddiem sewwa.

Twieled 290 sena ilu, fil-31 ta' Marzu 1732 u miet ta' 77 sena. Joseph Haydn kien strumentali fl-iżvilupp tal-mużika *da camera*, l-aktar fil-*piano trio*. Kien strumentali fl-iżvilupp tas-sinfoniji tant li ħafna jqisuh bħala missier is-sinfonija li minnha kkompona aktar minn mitt waħda. Haydn kien ċelebrità fi żmienu.

Ħafna mill-karriera tiegħu hija marbuta mal-familja Esterhazy, familja sinjura u magħrufa sewwa fi Vjenna. Kien ukoll ħabib, u ta' għajnuna kbira, għal Beethoven, kif ukoll għal ħuh, Michael Haydn.

Sitt snin qabel miet, saħħtu bdiet sejra lura sewwa tant li kien impossibbli għalih li jikkomponi aktar. Kien qed isofri minn dgħufija fiżika, sturdamenti u ma kienx kapaċi aktar jikkonċentra. Kellu wkoll uġigħ kbir f'riġlejh. Baqa' f'din il-kundizzjoni sa ma miet.



**Johannes Brahms**

Brahms huwa wieħed mill-akbar tliet kompożituri Ġermaniżi li kunjomhom jibda bl-ittra B. L-oħrajn huma Bach u Beethoven. Din is-sena, Brahms jagħlaq 125 sena mejjet. Miet fit-3 t'April tas-sena 1897, fl-età ta' 63 sena.

Brahms kien ġuvni. Kien pjanist u direttur tal-orkestra. Twieled f'Hamburg fil-Ġermanja u miet fi Vjenna.

Brahms ikkompona minn kollox, barra opri. Peress li kien pjanist ta' virtwożità kbira, esegwixxa għall-ewwel darba ħafna mix-xogħlijiet mużikali tiegħu, naturalment, dawk li fihom jidħol il-pjanu. Ħadem ħafna mal-pjanista Clara Schumann (il-mara ta' Robert Schumann) u l-vjolinist Ungeriż, Joseph Joachim. It-tlieta kienu ħbieb kbar. Brahms kien ikkunsidrat kemm bħala kompożitur tradizzjonali kif ukoll innovatur. Il-mużika tiegħu għandha għeruq ta' strutturi u teknika tal-kompożituri kbar tal-perijodu klassiku, inkorporati f'motivi romantiċi profondi.

Brahms sab ukoll l-ammirazzjoni ta' kompożituri aktar kontemporanji bħal Arnold Schoenberg u Edward Elgar. L-intelliġenza mużikali tiegħu kienet ta' ispirazzjoni għall-kompożituri ta' warajh.

Brahms deher għall-aħħar darba fil-pubbliku tliet ġimgħat qabel miet b'kanċer fil-fwied. Missieru miet bl-istess kundizzjoni.

**Igor Stravinsky**



Din is-sena nfakkru wkoll il-140 sena mit-twelid ta' Igor Stravinsky. Twieled ir-Russja, fil-5 ta' Ġunju tas-sena 1882 u miet fi New York, f'April, tal-1971, fl-età ta' 88 sena. Stravinsky jinsab midfun, kif xtaq il-kompożitur innifsu, fil-Gżira San Michele fl-Italja ta' Fuq, ftit metri 'l bogħod mill-qabar ta' Sergie Diaghilev. Dan Diaghilev kien impressarju u, miegħu, f'Pariġi, Stravsinky esegwixxa l-balletti famużi tiegħu, *The Firebird, Petrushka* u *The Rite of Spring*. Insemmu wkoll li Stravinsky għamel snin jgħix Pariġi.

Jiena (bħal ħafna oħrajn) niftakar sewwa l-funeral tiegħu li kienu tawh dirett fuq it-televiżjoni. Dakinhar, indaqqet quddiesa tiegħu u nistgħu ngħidu li kienet waħda mill-ftit kompożizzjonijiet li Stravinsky ikkompona mhux fuq kummissjoni. Stravsinky għażel li jikkomponi *Roman Catholic Mass* għalkemm kien Ortodoss. Kif stqarr Stravinsky stess, ir-raġuni kienet biex din il-quddiesa jkollha aktar ċans li tkun esegwita.

Stravinsky huwa l-ġgant tal-mużika tas-seklu għoxrin. Naturalment, hemm ħafna x'tgħid dwar dawn in-nies kbar fil-qasam tal-mużika imma dwar Stravinsky ngħid biss li, l-aktar f'dawk li huma ritmi, armonija u strumentazzjoni, il-mużika innovattiva tiegħu influwenzat lill-kompożituri l-oħrajn tas-seklu għoxrin.



**Claude Debussy**

L-aħħar kompożitur li se nitkellem fil-qosor dwaru f'dan l-artiklu tiegħi huwa Claude Debussy li, din is-sena, infakkru wkoll il-160 anniversarju mit-twelid tiegħu. Huwa twieled fit-22 t'Awwissu tas-sena 1862 u miet ta' 55 sena.

Dan il-kompożitur Franċiż huwa influwenti ħafna fir-repertorju mużikali tas-sekli dsatax u għoxrin. Imwieled ġo familja bi ftit interess kulturali, sa minn ċkunitu, Debussy wera talenti speċjali u, ta' għaxar snin, kien diġà magħruf bħala wieħed mill-aħjar studenti tal-Konservatorju ta' Pariġi. Studja l-pjanu imma, wara, irrealizza li l-vokazzjoni tiegħu kienet fil-kompożizzjoni. Ħa ħafna snin biex żviluppa l-espressjoni mużikali tiegħu tant li kellu jistenna sa ma għalaq l-erbgħin sena biex kiseb il-fama internazzjonali bl-unika opra tiegħu, *Pelléas et Mélisande*. Wara, ix-xogħlijiet mużikali tiegħu influwenzaw mużikalment lil kompożituri kbar bħal Béla Bartók, Olivier Messiaen u oħrajn. Debussy miet b'kanċer fid-dar tiegħu f'Pariġi u dan wara ftit aktar minn tletin sena ħidma fil-mużika.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sinjura Salvina Camilleri (Ħ'Attard) - €20.00
JH (San Gwann) - €20.00
Is-Sinjura Salvina Grech (Kerċem - Ghawdex) - €10.00

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem

# Ħanut tal-merċa? Ma tarax!

**Novella ta' Lina Brockdorff**



Mariella lestiet il-kazzola l-kbira qrib tagħha u, bil-qalb it-tajba, bdiet tqaxxar u tqatta' rqieq il-basal għall-istuffat; l-aktar biċċa xogħol li kienet tobgħod mit-tisjir kollu. Għajnejha kienu jdumu siegħa jaharquha wara. Ippruvat minn kollox forsi ssib rimedju. Min jgħidlek biex tqaxxarhom taħt l-ilma nieżel, min biex tħallihom lejl fil-friġġ jew inkella tqaxxarhom u tqattagħhom f'borża tal-plastik. Kollu għalxejn u ma tistax issajjar l-istuffat mingħajr it-toqlija tal-basal! Sa dakinhar, kien għad m'hawnx il-kumdità li ssib basal lest imqatta' u ffriżat.

Daħal b'ġirja ħdejha binha Luke ta' għaxar snin u, b'dik il-ħarsa tiegħu ta' brikkun, qalilha, "Ma, nixtieq nistaqsik xi ħaġa."

"Int mhux suppost qed tistudja għall-eżami t'għada? Biex int ġej? Staqsi! Jaqaw xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-ġografija?"

"Insomma, jekk trid tista' ssejħilha ġografija wkoll." Ommu baqgħet tħares lejh tistenna l-mistoqsija u fl-aħħar qalagħha. "Il-ħanut tal-merċa, ta' ħdejna; qed ngħid sew? Dak taz-zija Ġanna? Dik tiġi oħtok akbar minnek, hux hekk?"

"Din il-ġografija li qed tistudja? Nista' nkun naf dil-mistoqsija x'għandha x'taqsam mas-sillabus? Weġibni!"

"Le Ma; veru kont qed nistudja imma ġieni ħsieb u xtaqt naqta' l-kurżità. Għidt, bejni u bejn ruħi, naf li int u z-zija taqblu ħafna bejnietkom. Min jaf kieku, xi darba, tħajjarha teħles minnu dak il-ħanut? Irrid ngħid, tagħlqu!"

"U dan għalfejn?"

"Għax dak il-ħanut ikerraħ it-triq. Kieku ma kienx hu, kieku, ħlief djar u familji puliti, m'hawnx. Dak il-ħanut jiġbed lejh salt nies; nies ta' kull klassi u qed iwaqqa' d-dehra tat-triq tagħna."

"Ibda biex, la int u lanqas jien m'għandna dritt nindaħlu liz-zija Ġanna. Dak il-ħanut wirtitu mingħand in-nannu Pinu u, bil-ftit qliegħ li tagħmel minnu, jirnexxilha tgħix. Lanqas naqbel miegħek li l-klijenti ta' dak il-ħanut huma xi nies baxxi. U kieku stess? Il-baxxi, imsieken, ma jridux jieklu wkoll? Jaqaw int daż-żmien qed tgħodd ruħek mal-għoljin? Fuq kollox, huwa ħanut nadif u ssibilha minn kollox u bosta jfittxuha għax taf tmur man-nies. U, ħaġ'oħra, ftakar li z-zija tqalla' sold ukoll lil Sandra; dik li tmur kuljum tgħinha żżomm il-ħanut nadif. Dik tifla tamparek u bla missier. Issa mhux aħjar tmur lura lejn kamartek u tkompli tistudja? Ma naħsibx li, fil-karta tal-eżami, se ssib xi mistoqsija dwar il-ħanut taz-zija!"

"Kollox sew; ħa mmur imm' għidilha li, jekk ikollha bżonn l-għajnuna, jien lest li ngħinha; forsi ma tafx kif nibda nġemma' ħalli nixtrih dak il-ballun tal-ġilda. Jien daqs Sandra naf innaddaf."

Għaddew għaxar snin li, matulhom, Luke beda jinduna li, fil-ħanut tal-merċa ta' zitu, spiss ikun hemm kuġinuh, Josie, it-tifel taz-ziju Ġuż. Dawn kienu joqogħdu l-Gżira li jiġi naqra 'l bogħod mill-ħanut li kien kważi f'San Ġiljan. Barra minn hekk, Josie beda joħroġ ma' Sandra. Josie kien tampar Luke imma qatt ma ried jaf bi skola, ma kienx jaħdem filwaqt li Luke kien laħaq skrivan mal-Gvern.

Iż-żmien jgħaddi minn fuq kulħadd. Sandra wkoll saret tfajla gustuża. Kienet għadha tmur tgħin liz-zija Ġanna fil-ħanut u ma kellha ebda mpjieg ieħor għax ommha ma kinitx taqbel li x-xebbiet għandhom joħorġu jaħdmu barra mid-dar. Soltu, Luke rari kien imur sal-ħanut ta' zitu għax ix-xiri kien f'idejn ommu imma, meta ra lil Josie joħroġ ma' Sandra, beda jitħajjar għaliha huwa wkoll u, meta lil ommu beda joffrilha biex imur jixtri hu, din bdiet ixxomm xi ħaġa.

Iz-zija Ġanna kibret; kellha qrib is-sebgħin u spiss kienet tilmenta minn uġigħ f'daharha u f'riġlejha minħabba l-artrite. Trid tiftakar li, fil-ħanut, dejjem bilwieqfa, minn sbieħ il-jum sa ma tagħlaq fis-sebgħa ta' filgħaxija. Miskina, meta l-uġigħ kien ikun fl-aqwa tiegħu, lanqas titħarrek mis-sodda ma setgħet.

Tifhimha li xi ħadd kellu jmur jgħin lil Sandra għax, waħedha, ma kinitx tlaħħaq. Hawnhekk, sab ix-xoqqa f'moxtha Josie li ħa l-kontrol tal-ħanut f'idejh. Għall-ewwel, kemm Ġanna kif ukoll Mariella serrħu moħħhom li, għall-inqas, ser ikun hemm xi ħadd li kważi tista' ssejjaħlu tal-familja, biex ngħidu hekk. Imma, wara li għaddew ftit tal-jiem, Sandra stqarret ma' Ġanna li bilfors li kien hemm problema fil-ħanut. Kif jista' jkun li l-ħanut, imbierek Alla, dejjem mimli bin-nies u l-flus fil-kexxun, minflok jiżdiedu, kienu jonqsu? Ġanna tkellmet ma' Mariella u t-tnejn issuspettaw li forsi Josie ma kienx bil-għaqal kif jagħti l-bqija. Inkella, kien qed imiss il-flus hu? Ġanna kienet għadha ma tiflaħx bizzejjed biex tmur wara l-bank u, fl-istess ħin, lanqas xtaqu jakkużaw lil Josie mingħajr provi.

Mariella ddeċidiet li jkollha tmur hi u, bl-iskuża li l-klijenti kienu qed igergru għax idumu jistennew fil-ħanut, marret tagħti daqqa t'id. Josie nduna li kienu qed jissusspettaw ħażin fih u li kien ser jinqabad u, bla

kliem u bla sliem, ma deherx aktar hemm ġew; lanqas biex isellem lil Sandra, li ma tantx bkietu wisq meta ndunat li kien brikkun.

Għaddew ftit tal-ġranet u z-zija Ġanna reġgħet qamet mis-sodda. Jum fost l-oħrajn, bagħtet għal Luke u qaltlu, "Luke, il-lejla ġej in-nutar biex jagħmilli t-testment. Kont qed naħseb, int xi tgħid kieku kelli ngħaddilek il-ħanut f'idejk?"

"Kif zi? Għaliex lili u mhux lil xi neputi ieħor?"

"Għax hekk iddeċidejt!." Wara ftit, b'nofs tbissima, kompliet, "Basta twegħdni li, miegħek, iżżomm lil Sandra wkoll!" Iz-zija Ġanna ma kinitx mill-ħmir; indunat li dawk it-tnejn kienu jinħabbu.

Luke ħaddan lil zitu miegħu u, bid-dmugħ f'għajnejh, qalilha, "Tinkwetax għal Sandra, zi! Serraħ rasek!"

# Apprezzament

## Is-Sur Anthony Mulè Stagno
## Ex-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kien maħsud bil-mewt ta' seħibna, is-Sur Anthony Mulè Stagno, Ex-President tal-Kunsill. F'Settembru li għadda, is-Sur Mulè Stagno temm l-aħħar *term* tiegħu bħala President tal-Kunsill u, fuq talba tiegħu stess, baqa' jżomm il-kariga ta' Membru fuq il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* li fih kien kontributur regolari.
Is-Sur Mulè Stagno sar Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani fl-2011; l-ewwel bħala Membru *co-opted* imbagħad, wara, kien Membru elett. Fl-2013, huwa reġa' kien elett u ħa l-kariga ta' Segretarju Onorarju; kariga li dam jokkupa għal erba' snin u, fl-2017, kien maħtur President tal-Kunsill.
Tony, kif konna nsibuh, kien bniedem li jgawdi r-rispett. Mexxa l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani b'abbiltà, bi prudenza, b'effiċjenza u b'ħila kbira. Kien xempju ta' integrità u, fl-erba' snin li għamel bħala President, ittieħdu għadd ta' inizzjattivi u sar ħafna xogħol b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin. Fix-xhur twal tal-pandemija, minkejja r-restrizzjonijiet kollha, Tony Mulè Stagno rnexxielu jżomm ħaj il-Kunsill u l-attivitajiet tiegħu.
Meta, minħabba raġunijiet personali, tliet xhur ilu spiċċa minn President, Tony ma xtaqx jerġa' jitfa' n-nominazzjoni tiegħu għall-Kunsill imma offra li, jekk il-Kunsill jaċċetta, jibqa' fil-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* u anki jibqa' jagħmel xogħlijiet oħra żgħar. M'għandniex għalfejn ngħidu li l-Kunsill aċċetta din l-offerta bil-qalb. Tony kien ukoll kontributur regolari ta' dan il-*magazine* u, fost affarijiet oħra, kiteb għadd ta' artikli dwar Ruma u, dan l-aħħar, kiteb anki dwar L-anzjani fil-Bibbja.
Anthony Mulè Stagno, twieled l-Isla fl-1940, fi żmien il-gwerra u, sakemm beda jaħdem, kien joqgħod f'diversi postijiet. Infatti kien jgħix Ħal Għargħur, in-Naxxar, l-Imsida u, saħansitra, fl-1960, mar għal madwar sena fil-belt ta' Ruma li tant kien iħobb. Dan l-aħħar, kien jgħix ġewwa Ta' Ġorni flimkien ma' martu, Josephine, li magħha kien ilu miżżewweġ tmienja u ħamsin sena. Huma l-ġenituri ta' żewġ subien li anki għamluhom nanniet ta' żewġt itfal; tifel u tifla.
Bejn l-1962 u l-2001, Tony ħadem fit-Taqsima tat-*Telephones*. Kien parti mill-bidla għal *Posts and Telephones*, għat-*Telemalta* u, fl-aħħar, għal *Maltacom*. F'dan iż-żmien, kien involut fil-qalba teknika minn sistema manwali għal waħda awtomatika (*Strowger*) imbagħad għal dik diġitali. Tony kien kburi li, flimkien mas-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien, Dr. John Rizzo Naudi, daħħal is-sistema tat-*Telecare* ġewwa Malta u anki kien involut sew meta ġiet introdotta s-sistema telefonika diġitali f'Malta biex pajjiżna sar l-ewwel wieħed fid-dinja b'sistema kompletament diġitali.
Meta rtira, kompla jgħallem fil-Kulleġġ tal-*Maltacom* ġewwa s-Swatar u għamel żmien bħala editur ta' perjodiku dwar il-*computers*. Tony għamel żmien twil ukoll jaħdem fl-uffiċċju tat-tifel tiegħu stess fejn, fost affarijiet oħra, kien jieħu ħsieb is-sistemi tal-*IT*.
Sa minn żgħożitu, Tony kien involut fil-volontarjat. Meta kien ġuvni, kien membru attiv tal-Azzjoni Kattolika u, meta mar Ruma, ingħaqad mal-Azzjoni Kattolika t'hemmhekk. Meta rtira mill-*Maltacom*, sar membru tal-Għaqda Pensjonanti tat-*Telemalta* u, minn hemm, sab postu fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani.
F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, nagħtu l-kondoljanzi sinċiera tagħna lill-familjari kollha tiegħu u nitolbu lil Mulèj biex ifittex jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem li tant jixraqlu.

**Il-President u l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**flimkien mal-Editur u l-Membri tal-Bord Editorjali tal-*magazine* 'L-Anzjani Llum'**
**mill-qalb isellmu**

# The good doctor

## A short story by Liz Bajada



He was returning home from work at the end of a very long day at the hospital. After graduating from the university, Josh fell in line with the tedious shift-hours dictated by his profession. He was a high flyer who was looking ahead to further studies and specialisation. Medicine was his life and he wanted to be the best.

Suddenly, he became aware of footsteps following behind him and a small hand tugging at his sleeve. He turned round to see a little boy with tears in his eyes, a mop of ruffled black hair, grubby face and tattered clothes.

"Quick," cried the boy, "please come and help my mother! She is having a baby and there is no one to help her."

Josh knew that, by the Hippocratic Oath he had taken when he became a doctor, he was bound to make that house call; even if there were to be no remuneration for his services. He was tired; very tired and all he wanted to do at that moment was to go home, grab something to eat and sleep till morning. But there was nothing else for him to do except follow that boy.

He was led to a dingy house, dimly lit and with no amenities to speak of. A woman in labour was lying on a couch which also served as a bed. Josh could tell that she badly needed assistance as the baby was due any time. He sent the boy to get some hot water while he prepared his tools. The birth was not an easy one. As soon as he was born, it became evident that the baby had difficulty in taking his first breathe but Josh did all that was necessary to start him up with some oxygen in his tiny lungs. Moreover, the doctor also observed that one of the baby's legs was shorter than the other. He couldn't help thinking that, in time, his schoolmates will nickname him Limpy. But he kept all these dark thoughts to himself. He had done all that he could and the best thing for him to do was to go home and get some rest. It was only in the early hours of the morning that Josh could hand the new-born baby to his worn-out mother.

"Thank you," she said, her eyes brimming with tears. "If it weren't for you, I could have lost my child."

Tired as he was and looking at the squalor all around him, Josh thought that, in the circumstances, maybe, that wouldn't have been such a bad idea! This mother already had four other mouths to feed. It was a wonder how they all managed to survive.

"What is your name doctor?" asked the poor woman; "I wish to name my son after you."

"Josh," he said audibly while, in his heart of hearts, he thought that the woman can choose any name she likes for her boy but his mates will still call him Limpy.

Dr Josh did well for himself. By time, he, indeed, became the success he had planned out to be. He worked hard and specialised in cardiology and Dr Josh became Professor Langford. He married a beautiful girl named Kate; a nurse who assisted surgeons in operating theatres. After a number of failed attempts, Kate, finally, gave birth to Celine. She and Josh could not be happier. Their little daughter possessed a pair of large blue eyes which looked out of a rosy-cheeked face encircled by a bunch of rich, auburn hair. Dad was very proud of his daughter. She was the love of his life and, as the years went by, father and daughter became inseparable. She would welcome him warmly when he came home from work and, although he would, invariably, be very tired after a full day's work, he always found time to play with 'his little one'. Celine was even more precious since Kate had been told by various specialists that she could not possibly have another child. So, Celine was Josh's, one hundred per cent.

Time flies and it waits for no one. One day, when Celine was in her late teens, she started complaining that she was not seeing properly. Her mum and dad were both very worried. Josh immediately called the ophthalmic department and fixed an urgent appointment. Tests were carried out and it was soon established that Celine was suffering from a very rare, eye-disease and that there was not much that anyone could do to prevent eventual blindness. Josh was frantic. He just could not accept that there was nothing that could be done to cure his beloved daughter.

One of his colleagues told him that the only person who may be able to help him was Mr Brown who practiced in another private hospital. This specialist had been carrying out some experiments on this rare disease and he may offer Celine a glint of hope. Although he might not be able to heal her completely, he may still be of help to check the total degeneration of the eyes.

An early appointment was fixed and Josh and Kate took Celine to be seen by Mr Brown. When they entered his clinic, they were surprised to find a young man, wearing a pair of glasses which seemed too big for his face, sitting behind a large desk. They had expected someone a little older. Mr Brown greeted them with a friendly smile and introduced himself to Celine in a sweet, soft voice. He had a way with patients and this helped him much in his practice.

"Mr and Mrs Langford," said Mr Brown encouragingly after he had performed a number of tests, "your daughter will soon be as right as rain. You have brought her to the right place and at the right moment as well.

Recent research has come up with an effective cure for this disease. Although treatment will take some time, I assure you that your daughter will not lose her eyesight."

Josh was much relieved to hear this good news. When the eye specialist was returning to his chair, Josh noticed for the first time that Mr Brown walked with a slight limp. He looked at the name-plate on the doctor's desk. It read Mr J. Brown, Ophtalmologist.

"May I ask what the letter 'J' stands for?" he said gratefully.

"Actually, it's Josh," was Mr Brown's reply. "But," he added with an agreeable smile, "all my friends call me Limpy! You see, my mother used to say that, when I was about to enter this world, she had a very hard time and that, had it not been for the kindness of a certain good doctor whose name was Josh, I would never have seen the light of day. And so, she named me after him!"

In that instant, everything became clear to Professor Langford. He remembered how, a long time ago, he had felt bound by the Hippocratic Oath to make that house call and help a poor woman give birth to a little urchin in a dingy house; even if there were to be no remuneration for his services! He also realised that, now, he had received his payment in full and, on top of that, he was being remunerated a hundred times over as well. At the same time, he couldn't but appreciate how the good that we do to others often rebounds on ourselves!

---



# Kunu pożittivi, ħbieb!

**Kitba ta' Franky Piccinino**

Mort sal-Barrakka ta' Fuq għall-kwiet u anki biex nitpaxxa bid-dehra maestuża tal-port sabiħ li għandna. Intasabt bilqiegħda fuq bank imma ma tantx domt waħdi għax, maġenbi, malajr poġġew żewġt iħbieb tas-soltu. "Ara lil min qed nara! Kif intom?" għidtilhom.

"U, kif tridna nkunu?" weġibni wieħed minnhom. "Għadni ġej mill-*policlinic*. Għandi l-pressjoni m'għola s-sema u l-kolesterol u z-zokkor l-istess. Emminni, kultant jaqbduni dwejjaq kbar! Tgħidx kemm ili nibla' pirmli!"

"Jien, dawn l-affarijiet niċċekkjahom kuljum, id-dar; jien stess u, normalment, dejjem tajbin insibhom," għidtlu.

"Għidli ħaġa," erġajt wara ftit, "int kif qed tqattagħha l-ġurnata?"

"U, mhux indur 'l hawn u 'l hemm, qisni l-iblah; lanqas naf x'ser naqbad nagħmel bija nnifsi! Kif tridni ngħaddiha?" weġibni.

"Illaħwa!" skantajt jien, "Hawn tant affarijiet li tista' tagħmel biex idderri! Hawn tant għaqdiet u assoċjazzjonijiet fejn tista' tagħti sehmek! Hawn tant postijiet fejn nistgħu mmorru aħna l-anzjani; fejn nistgħu ngħaddu siegħa żmien u, fl-istess ħin, naqsmu l-ferħ u n-niket tagħna ma' ħaddieħor! Qatt ma tħajjart tmur għal xi *coffee morning*; u tieħu xi żewġ pastizzi tajbin?"

"Pastizzi?" sploda l-pessimist. "Dawk kollha kolesterol!"

"Isma', jien mhux qed ngħidlek biex tiekol il-pastizzi kuljum ta; imma wieħed kultant mhux se joqtlok. Imbagħad, mur għamel erba' passi; jagħmlulek tajjeb; malajr tneħħih ix-xaħam! Aħjar milli toqgħod tixxaħxaħ fuq is-sufan, tara t-*television* u tiġġammja! Mhux hekk?"

"Qed issemmi t-*television*; taf kemm qalet li sabu lbieraħ il-professur Charmaine Gauci? Tnejn u għoxrin!"

"Ma nafx fiex ġiet id-dinja jien!" kompla miegħu sieħbu.

"Isma', bilħaqq; għax insejt ngħidilkom," reġa' ċ-ċawla tal-malawgurju, "tafu min miet? Ġanni l-iskarpan, u Marì, dik li kienet toqgħod fil-kantuniera!"

"U Ġorġ ta' Pina," żied miegħu l-ieħor.

Ngħid is-sew, għamilt f'qalbi. Ara jien, ġejt daqsxejn hawn għall-kwiet u dawn, ħlief fuq mard u fuq dwejjaq, ma jitkellmux! Qabżitli u għidtilhom, "Iva, jaħasra, fadal xi ħadd li għadu ħaj? Kunu pożittivi ħbieb! Aħsbu daqsxejn fis-sabiħ tal-ħajja! Hawn tant fuqiex nitkellmu! Bilfors fuq il-mard u fuq l-affarijiet koroh tridu titħaddtu? Dawk jiġu meta jiġu; jagħmel Alla, imma, sadattant, nieħdu d-dinja bl-istess mod li ġabitna, mhux hekk? Imxi nieħdu flixkun birra mill-gabbana! Isimgħu minni, kunu pożittivi u ħalluh iħabbat il-baħar!"

"U biex trid tkun pożittiv, bħalek?" nibixni n-negattiv.

"Ngħidlek," għidtlu; "mela ma ngħidlekx! Ibda biex, dalgħodu, kif ftaħt għajnejja, irrealizzajt li l-ħanin Alla għoġbu jislifni jum ieħor sabiħ ta' ħajja. Għandi saqaf fuq rasi! M'għandix problemi dwar x'ser niekol għada! X'irrid iżjed? Dis-sena, jien u l-mara għalaqna ħamsin sena miżżewġin u l-ħajja, bl-inżul u t-tlajja', s'issa, għadha għaddejja! Niżżikhajr 'l Alla, għandi familja tgħaxxqek u, nhar ta' Ħadd filgħodu, l-hena tiegħi meta jiġu għandi u narahom ilkoll jiċċaċċraw flimkien! It-tifla tal-kbira ħadet il-lawrija fil-*Business Enterprise* u ż-żgħira reġgħet għamlitna nanniet; kellhom tifla; semmewha Kate u tgħidx x'għandna biha! Tridni ngħidlek iżjed?" għidtlu.

"Ejja ħallasli dak il-flixkun birra!" qalli.

# Stramberiji kurjużi

**Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ**

Issa jew inisslulek tbissima jew sens ta' ammirazzjoni, jew tistagħġeb kemm hawn min għandu *guts* jew kemm hawn min għandu flus x'jaħli; ma nafx. Li naf żgur hu li, dawn li ser nikteb dwarhom, huma nies li jeżistu tassew u mhux qed nivvintahom jien.



L-ewwel kaz li ser insemmi huwa ta' mara li tittrasforma d-dar tagħha skont l-istaġuni; jiġifieri, erba' darbiet fis-sena. Iva, sewwa smajtu; erba' darbiet kull sena. Mela ħtieġli mmur għand din il-mara f'jum tar-rebbiegħa u, xħin dħalt, ħsibtni dieħla ġo ġnien. Id-drapp tal-purtieri kollha fjuri, il-kwadri mdendlin mal-ħajt bellezza b'xeni l-ġmiel tagħhom, kollha maħdumin bl-idejn minnha stess, għax dil-mara tgħallem il-*cross stitch*. Ix-xeni li fihom kollha juru l-meravilja ta' dan l-isbaħ żmien tas-sena bil-pjanti jħaddru kull fejn jimirħu għajnejk.

Inzerta li kelli nerġa' mmur għandha kif daħal is-sajf. Ngħid is-sewwa, ħsibt li ħadt xi żball fil-bieb għax id-dar, din id-darba, ma kinitx bħalma rajtha l-aħħar li mort. Il-kulur isfar tax-xemx issa kien jiddomina kollox; mhux id-drapp tal-purtieri biss. Il-kwadri ta' mal-ħajt issa kienu juru stampi mill-isbaħ ta' baħar ikħal, tfal jiċċaċċraw fuq ir-ramel, inġenji, kjoskijiet u umbrelel ta' kull lewn fil-madwar; insomma, kwadri li tistħajjilhom li, f'daqqa waħda, ser jieħdu l-ħajja. Bilkemm ma tħossx iż-żiffa ħelwa tal-mewġ frisk minflok dik tal-*air conditioner*! Qgħadna nitkellmu ftit, urejtha l-istagħġib tiegħi, ikkumplimentajtilha xogħolha daqshekk mirqum u hi ħajritni nerġa' nittawlilha fi dħul il-ħarifa.

U hekk għamilt! Imma, ħej, x'monotonija! Issa, il-kulur predominanti fid-dar kien il-griż. Mhux biss il-purtieri imma anki l-gwarniċi mdendlin mal-ħajt daħħluni bħal f'bosk kollu siġar imneżżgħin u weraq isfar jiksi l-art kollha qisha tapit. Lanqas temmen imma, anki l-mużika li tilqgħek hekk kif tidħol f'din id-dar, ukoll takkumpanja l-istaġun. Però, għalkemm ħadt gost nisma' l-kliem ħelu tal-kanzunetta, *Autumn leaves*, din id-darba kelli seba' mitt sena li nfittex inħalli dawk il-kwadri mimlijin sħab tqil donnhom lesti ħalli jferrgħu l-ewwel maltempata tas-sena.

Imma, la wasalt s'hawn, il-kurżità għelbitni u ma stajtx ma nsibx skuża biex nerġa' nagħmlilha vista oħra f'Diċembru. X'differenza! Id-damask oħxon tal-purtieri, ta' lewn aħmar, tħossu jkennik mill-kesħa ta' barra. Filwaqt li l-istampi minsuġin bl-idejn issa nbidlu f'tapit abjad ta' silġ ma jispiċċa qatt. Tfal jilagħbu bis-slitta u oħrajn jibnu *snowman* flimkien ma' xeni oħrajn ta' familji ferħanin madwar il-fuklar u xi ħaddieħor qed jixwi l-qastan fuq kaldarun kbir fil-kantuniera. Tħennejt inħares lejhom imma, naturalment, l-iktar li laqtitni kienet id-dehra festiva tal-Milied. Kollox armat kif jixraq; presepju l-ġmiel tiegħu u *Christmas tree* qisha ġiet dirett mill-Fillandja.

Nistħajjilkom tgħiduli li din il-mara hija unika u li żgur li m'hawnx oħra bħala. Imma, filwaqt li nerġa' nassigurakom li dawn huma nies tad-demm u l-laħam bħalna u mhux ħlejqiet tal-fantasija tiegħi, naħseb li l-istess ser tgħidu meta tisimgħu biż-żewġ każi l-oħra li ser nirrakkuntalkom. Pereżempju, naf waħda, anzjana bħalna, li tgħix waħedha, li ilha s-snin tfittex biex issib tikri post li jkollu gallarija minn fejn tkun tista' tittawwal għal barra. Imma l-post tridu terran, mingħajr taraġ! Ara kif jista' jkun! Hi tixtieq gallarija għax tħobb tittawwal u toqgħod tara n-nies għaddejjin u ssegwi l-attività ta' barra u, b'hekk, ittaffi xi ftit mis-solitudni. Imma, fl-istess ħin, ma tridx taraġ. U ssemmilhiex dak is-siġġu li tpoġġi bilqiegħda fuqu u jibqa' tiela bik sa fuq! Mhux għax ma taffordjahx tafux imma dik li, biex tkun tista' toqgħod tittawwal ftit, ikollok titla' bil-*lift* qatt ma daqqietilha. U damet snin twal tfittex terran bil-gallarija imma kollu għalxejn, Illum, qiegħda f'dar tal-anzjani u s-solitudni m'għadhiex daqshekk problema. Flok gallarija, għandha tieqa kbira tħares lejn ġnien sabiħ miżgħud siġar tal-larinġ.

It-tielet stramberija kurjuża li ser ngħidilkom fuqha hija dik tat-tifla tal-*penfriend* tiegħi. Għax, bilħaqq, jien għandi *penfriend* tafux. Qatt m'għidtilkom għax bżajt li tidħqu bija. Il-*penfriend* tiegħi tgħix l-Ingilterra imma bintha taħdem bħala għalliema tal-Ingliż ġewwa t-Tajlandja. Darba fis-sena, fil-vaganzi tas-sajf, it-tifla tmur ħdejn ommha, l-Ingilterra. Il-problema hi li t-tifla għandha qattusa u b'ebda mod ma tkun trid tħalliha warajha meta tmur tara 'l ommha. Bir-restrizzjonijiet imposti minħabba l-covid dsatax, tispiċċa tonfoq wisq iktar għall-qattusa milli għall-ispejjeż tal-vjaġġ tagħha. U, meta jmorru passiġġata, toħroġha magħha wkoll, fuq il-*leash*, jekk ma tagħlix! Ħalli għalihom l-Ingliżi kemm iwaqqfuha biex jistaqsuha x'razza ta' kelb hu! Biex tkompli tgħaxxaqha, ommha wkoll għandha qattusa u, kull meta t-tifla tmur l-Ingilterra, il-qattusa t'ommha xejn ma tifraħ biha. Għal kuntrarju, tgħidx kemm tgħir għaliha u tiddikjara stat ta' gwerra dejjiema tul il-vaganza kollha.

*It takes all sorts*, jgħidu l-Ingliżi, u sewwa jgħidu għax tassew li fid-dinja ssib minn kull ġens ta' nies!

# L-imħabbiet ta' Ġuża u Toninu



**Rakkont ta' M. Muscat**

Ġuża u Toninu kienu koppja ħelwa ħafna. Tfal ma kellhomx. Mhux għax ma xtaqux imma għax in-natura ma kkooperatx. Minkejja dan, Ġuża u Toninu kienu nies, tista' tgħid, dejjem ferħanin, ċajtiera u għemilhom spiss inissillek tbissima.

Ġuża u Toninu kellhom imħabba kbira lejn l-annimali. Id-dar tagħhom, dejjem nafha b'xi kelb jew tnejn, xi qattus u anki xi għasfur. Kellhom, saħansitra, fekruna kbira li ħadd ma kien jaf sew kemm kellha żmien u li baqgħat ħajja anki wara li mietu huma.

Din l-imħabba ma nibtitx fihom meta kibru. Lil Toninu ġieli smajtu jirrakkonta l-praspura li kien għamel meta kien żgħir u kien għadu jmur l-iskola. Kellu ġurdien abjad li kien il-mimmi t'għajnejh. Kien jieħdu miegħu kull fejn kien imur; anki l-isola. Kien iżommu f'ħobbu u dan il-ħali ta' ġurdien araħ joqgħod b'sabru bla ma jagħmel ebda ħoss. Donnu kien jaf li kienu qed jagħmlu xi ħaġa klandestina. Imma annimal dejjem annimal jibqa'. Darba waħda qajjem straġi. Tifel waqqa' siġġu fl-art, il-povru ġurdien ħa qata' u tant beża' li qabeż minn fejn kien mistoħbi u telaq jiġri mal-klassi. Qam pandemonju sħiħ. L-Għalliema, mara qasira, imbaċċa u kemxejn imdaħħla fiż-żmien, bdiet twerżaq u tgħajjat b'kemm garġi kellha u, mingħajr ħadd ma jaf kif, telgħet tiġri bilwieqfa fuq siġġu. It-tfal għamlu ors sħiħ bih, jiġru warajh biex jippruvaw jaqbduh. Toninu tgħidx kemm inkwieta għax beża' li kienu se joqtluhulu lill-ħabib ċkejken tiegħu. Imma, b'xorti tajba, Toninu laħaq qabdu hu stess u telaq jiġri bih lejn id-dar. L-għada filgħodu, Toninu mar l-iskola bħas-soltu imma, din id-darba, lill-ġurdien ma ħadux miegħu. Però xorta waħda qala' taptipa papali mingħand il-kap tal-iskola. Għalxejn Toninu qallu li dak kien ġurdien abjad li ma jagħmel ħsara lil ħadd, is-Surmast ma riedx jaf. Wara li għamel kemm felaħ biex ifiehmu li ġurdien mhuwiex marbut bil-provvedimenti tal-liġi għall-edukazzjoni obbligatorja, issospendih għal jumejn u avżah biex ma jġibx aktar ġrieden miegħu ġewwa l-iskola; u la griżi u lanqas bojod. Imma l-imsejken ġurdien mar agħar minn hekk għax, minn dakinhar 'il quddiem, ma semax iktar lezzjonijiet tas-somom, tal-Ingliż, tal-*history* u tan-*nature study* imma kellu jibqa' d-dar waqt li Toninu kien ikun l-iskola.

Ġuża u Toninu kienu jħobbu l-annimali kollha. Ma kinux jifilħu jaraw, jew jisimgħu, lil min jaħqar xi annimal. Ma kienu joqtlu ebda ħlejqa; ċkejkna kemm hi ċkejkna; għax dawk kollha ħolqien t'Alla, kienu jgħidu. Kienu dejjem lesti jieħdu ħsieb l-annimali kollha li jiġu għall-attenzjoni tagħhom. Sal-għasafar tal-bejt kienu jindukraw. Meta xi wieħed minnhom kien jaqa' mill-bejta, Toninu kien jiġbru, ipoġġih imqar ġo kaxxa taż-żraben b'xi biċċa flanella fil-qiegħ għall-irdoss waqt li Ġuża erħilha titimgħu bis-siringa jew bil-pinzetta sakemm l-imsejken għasfur kien ikun lest biex itir għal riħu.

Niftakar, darba, kellhom amorin ikħal u, waqt li Ġuża kienet tkun qed tħit u Toninu kien jinzerta jkun fil-kamra tal-għodda jsewwi xi banketta jew jissoda xi siġġu żlugat, dak l-imbierek ta' amorin kien itir mal-kamra, jaqbdilha l-labar tar-ras b'munqaru u joħodhom fil-gaġġa tiegħu. Ta' tifla li kont, tgħidx kemm kont niggustah, specjalment, meta Ġuża kienet tgħajjat lil Toninu b'ismu u, pront pront, dak l-amorin kien jirrepeti warajha: "Toninu, Toninu".

Toninu kien fin-*Navy* u spiss kont nisimgħu jgħid xi ħaġa dwar ix-xadina li kien iżomm abbord. Il-baħrin kollha kienu aċċettawha bħala l-maskot tagħhom. U Ġuża xejn inqas minnu għax, meta Toninu kien ikun imsiefer, kienet tehda u tqatta' ħafna ħin trabbi t-tiġieġ. Minn dejjem nafha tiġbor il-bajd jew tieħu ħsieb xi qroqqa flieles. Sal-fniek kienet tgħammar ukoll.

U xi ngħidu meta kien imutilhom xi kelb jew inkella xi qattus milli kienu jrabbu? Kemm kienu jħossuhom imdejqin! Kien jiddispjaċihom wisq! Daqslikieku mietilhom xi ħadd tal-familja tagħhom. Imma, meta jgħaddilhom, dejjem kont tara lil Toninu ġej b'xi ġeru jew b'xi ferħ ta' qattus biex jimla' l-vojt li jkun ħalla dak li jkun telaqhom.

S'issa, forsi hawn min ħaseb li din l-istorja hija frott tal-immaġinazzjoni tiegħi. Imma, tassew tassew ngħidilkom li, għalkemm fil-verità ma kienx jisimhom Ġuża u Toninu, din il-koppja ħelwa darba kienu nies tad-demm u l-laħam bħali u bħalek. Veru, li Ġuża u Toninu ma kellhomx tfal imma l-imħabba kbira tagħhom ikkonċentrawha kollha fuq ħutna l-annimali.

# The Lovely One

**Anthony Borg**
**14/04/2004**

Now, I have an Angel,
always smiling,
an open heart to all.

No harm, no vice,
but, on the contrary,
tolerance and love.

What an angel I have!
To love her first
I have to love everyone.





# TISLIBA Nru.105

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Isem ta' mara b'sarima (6)
5. Ħaġra maqtugħa minn barriera (6)
10. Telaq; Ħareġ (3)
12. Aktar safi (5)
14 Il-muntun żodjak (5)
15. Pajp; Katusa (4)
16. Kollok korrett (bl-Ingliż) (2)
17. Wieħed mix-xhur tas-sena (5)
19. Apertura f'bini (5)
22. Rakkontatur (8)
24. Validu bla id (3)
25. Kemm femminili sew maskili jużawh fil-logħob (6)
28. Kull waħda minn erbgħa (5)
31. Lest; Puntwali (5)
33. Ix-xahar tar-rużarju (7)
35. Traba li kienu jaħsbu li ma tinqasamx (5)
37. Ħoss ta' mogħdrija (2)
38. Rumana (6)
39. Izjed minn ħajt wieħed (5)

**Weqfin:**
2. Mhux iebes (5)
3. Kulħadd b'xi... (4)
4. Dan Ġej mill-kontinent l-iswed (7)
6. Ritorn; Reġa' lura (5)
7. Ħwawar l-aktar għall-bebbux (6)
8. Għaqda; Grupp politiku (6)
9. Fiehem (6)
11. L-aroma bla omm! (3)
13. Patrimonju (7)
18. Nbid qares jiswa għat-taħwir (4)
20. Nbidel fi fwar (7)
21. Tkellem; Parla (3)
23. Perit (9)
26. Missier missieru (6)
27. Il-kanali tan-nifs li jaslu għall-pulmuni (6)
29. Għadd kbir ta' suldati fi gwerra (6)
30. Rikors (6)
32. Tnejn bl-ingliz (3)
34. Boċċa tal-ħġieġ għal xi arloġġ (5)
36. Kunjom li ssib fid-direttorju telefoniku paġna 503 (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' Ð10.
Il-Premju għat-tisliba numru 104 intrebħet mis-Sur V. Scerri, Pieta' **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 104**
**Mimdudin:** **1** merill, **5** sfugat, **10** rat, **12** adolf, **14** inter, **15** bkar, **16** nu, **17** total, **19** trott, **22** imitatur, **24** rua, **25** sittax, **28** tramm, **31** imiss, **33** brunett, **35** idden, **37** ka, **38** dwardu u **39** stran.

**Weqfin:** **2** evita, **3** inri, **4** letturi, **6** frott, **7** ttalla, **8** edukat, **9** baruni, **11** ann, **13** fattura, **18** stat, **20** oriġini, **21** tut, **23** altruwist, **26** xitan, **27** rabjar, **29** matine, **30** fissed, **32** sid, **34** evada u **36** eku.



# ĦIDMA, LAQGĦAT TA' KORTEĠIJI, STEDINIET U LAQGĦAT OĦRA

**Fix-Xuhur ta' bejn Ottubru u Diċembru, il-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għamlu diversi ħidmiet, laqgħat ta' Konnoxxenza ma' diversi entitajiet, attendew diversi stediniet kif ukoll laqgħat oħra fosthom:**



Laqgħa ta' Konnoxxenza u ħidma mall-Eċċelenża Tiegħu, Dr. George Vella, President tar-Repubblika ta' Malta



Laqgħa ta' Konnoxxenza u ħidma mall-Onorevoli, Dr. Bernard Grech LLD. MP Kap tal-Partit Nazzjonalista



Laqgħa ta' Konnoxxenza u diversi laqgħat ta' ħidma mall-Onorevoli Dr. Michael Farrugia MD, MP Ministru Għall-Anzjani u Anzjanita' Attiva



Laqgħa ta' Konnoxxenza u ħidma mall-Onorevoli Dr. Maria Deguara MD, MP Kelliema tal-Oppożizzjoni Għall-Anzjani u Kura fil-Komunita'



Grazzi tar-ritratt meħud mill-Arċidjoċeżi ta' Malta

Laqgħa ta' Konnoxxenza mall-Isqof Awżiljarju Ta' Malta Monsinjur Joseph Galea-Curmi



Il-President tal-Kunsill, is-Sur Peter Paul Bonnici, kien mistieden għall-okkazzjoni ta' Jum il-Fgura, fejn kien wieħed mill-kelliema

Fost dawn il-laqgħat li attendew, ġew diskussi diversi suġġetti li għandhom x'jaqsmu mall-anzjani, fosthom tkellmu fuq ix-xogħol għal-pensjonanti, il-pensjonijiet, abbużi fuq l-anzjani, u fuq id-Djar Residenzjali tal-Anzjani u s-solitudni.

- Għall-istedina għaċ-Ċerimonja tal- għoti tal-Premju Anzjanità Attiva.
- Għall-Business Breakfast mill-Partit Laburista
- Għall-AĠA tal-U3E
- Dr. Anthony De Giovanni attenda b'mod virtwali għall-laqgħat tal-*AGE Platform Europe*
- Jum L-Indipendenza – Quddiesa Pontifikali ta' Ringrazzjamnet
- Seminar imtellà mill-Veterani Laburisti – L-Anzjani – Mobilita – Trasport – Infrastruttura
- B'mod virtwali għall-*General Assembly* tal-*AGE Platform Europe*
- B'mod virtwali għall-*High-Level International Conference HUMAN RIGHTS FOR ALL AGES Event on digitalisation*

Is-Sur Lino Debono, u s-Sur Joseph Vella Caruana, ġew Nominati bħala ż-żewġ membri biex ikunu fuq il-Kunsill, mill-Onor. Ministru Dr. Michael Farrugia.

# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifraħ lil Dr. Anthony Degiovanni LL.D., għall-ħatra ġdida tiegħu bħala Viċi President tal-*AGE Platform, Europe*



Dr Anthony DeGiovanni nhatar Viċi President tal-*AGE Platform Europe* bi 83% tal-voti eliġibbli waqt laqgħa tal-Kunsill Amminstrattiv ta' din l-organizzazzjoni li tiġbor fiha l-għaqdiet tal-anzjani u għall-anzjani prinċipali kollha tal-Europa. Dr DeGiovanni huwa s-Segretarju Internazzjonali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani.

*AGE Platform Europe* twaqqfet f'Jannar tal-2001, frott ta' diskussjonijiet dwar kif għandhom jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-anzjani u kif tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-anzjani u għall-anzjani fuq livell Ewropew. L-Organizzazzjonijiet tal-Anzjani msieħbin f'din il-pjattaforma għandhom il-maġġoranza tal-voti fil-livelli kollha tad-deċiżjonijiet li jsiru f'din l-għaqda. Is-sħubija hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet Ewropej imwaqqfin mhux biex jagħmlu qligħ. Il-ħidma ta' din il-pjattaforma hija sostnuta finazjarjament permezz ta' għotjiet mill-Unjoni Ewropea, il-miżati tal-membri u donazzjonijiet.

Il-viżjoni tal-Pjattaforma Ewropea AGE tinkorpora fiha l-ħsieb ewlieni ta' soċjetà inkussiva msejsa fuq il-benesseri ta' kulħadd, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u d-dritt sħiħ għat-tgawdija tal-ħajja u tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-kontribut lejha.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ilu għoxrin sena membru tal-*AGE Platform Europe*; tista' tgħid, sa mill-ħolqien tagħha, u dejjem ipparteċipa bis-sħiħ fil-ħidma u r-riċerka importanti li din l-organizzazzjoni rnexxiela twettaq matul iż-żmien li ilha mwaqqfa. L-Għaqda tal-Pensjonanti u Nanniet Malta huma wkoll membri attivi ħafna fl-*AGE Plarform* u l-kandidatura għall-viċi presidenza ta' Dr DeGiovanni sabet l-appoġġ sħiħ tagħhom.

Malta għandha sehem ewlieni fl-istorja tal-għarfien internazzjonali dwar l-Anzjanità. Kienet Malta li, fl-1968, l-ewwel li qajmet il-materja tal-Anzjanità bħala tema li jixirqilha attenzjoni internazzjonali. Bħala riżultat tal-ħidma Maltija, fl-1982, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti sejħet assemblea dinjija dwar l-Anzjanità u, permezz tar-Riżoluzzjoni 37/51, fost l-oħrajn, xprunat 'il quddiem il-ħtieġa tar-riċerka u t-tagħlim kif ukoll il-bdil ta' informazzjoni bħala s-sisien internazzjonali għall-politika soċjali. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna dwar l-Anzjanità għadu sal-lum iservi ta' bażi ewlenija tal-politika internazzjonali dwar l-anzjanità. Bħala rikonoxximent tal-inizzjattivi xprunati minn Malta, fl-1987, twaqqaf f'Malta l-Istitut Internazzjonali tal-Ġerentoloġija.

Huwa dover tagħna lkoll li nkompli mmexxu 'l quddiem il-ħidma lokali u internazzjonali ta' Malta favur l-anzjani.

# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifraħ lis-Sur Josiah Grech, Membru attiv tal-Kunsill, għall-għoti taż- Żaren Vassallo Award, 2021





Josiah Grech huwa l-*Manager* ta' Dar Saura, li hija dar tal-anzjani tal-Knisja li tinsab ir-Rabat ta' Malta. Fl-1991, is-Sur Grech inħatar, għal-ewwel darba, bħala *manager* tad-Dar tal-Anzjani tal-Gzira. Minn dak iż-żmien 'l hawn, dejjem baqa' jħares 'il quddiem, kemm lokalment u anki fir-Renju Unit, f'dik li hi tmexxija ta' setturi differenti għall-kura tal-anzjani; minn djar sa ċentri ta' matul il-jum, tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja.

F'Ottubru 2021, is-Sur Grech kien nominat għall-Premju Żaren Vassallo, l-aktar minħabba li ħadem b'mod eċċezzjonali waqt il-pandemija, speċjalment meta l-*Covid-19* kienet fl-aqwa tagħha. Huwa qatta' sitt ġimgħat 'il bogħod mill-familja tiegħu biex jipproteġi r-residenti anzjani tad-dar fl-eqqel tal-pandemija u dan kien perijodu ferm diffiċli speċjalment meta wieħed iqis it-tbatija emozzjonali u mentali li esperjenzaw l-anzjani. It-tim tiegħu ħadem flimkien u addotta l-protokolli kollha meħtieġa biex, kemm jista' jkun, ibiegħed il-*virus* kemm mid-dar kif ukoll mir-residenti taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Tajjeb wieħed jgħid li, f'dawn l-aħħar għoxrin xahar ta' pandemija, ir-residenti kollha li jaqgħu taħtu baqgħu ħielsa mill-marda u, b'xorti tajba, ma esperjenzaw ebda mwiet minn fosthom.

Is-Sur Grech huwa bniedem dedikat fil-ħidma tiegħu b'risq l-anzjani waqt li jmexxi d-dar ma' tim ta' impjegati ta' ħiliet u abbiltajiet differenti. Huwa jistabbilixxi l-miri neċessarji u, imbagħad, hu u t-tim tiegħu jgħinu lill-anzjani biex jilħqu dawn il-miri.

Fit-tletin sena ta' ħidma tiegħu f'dan il-qasam, is-Sur Grech dejjem sab x'jitgħallem u xi jbiddel. Għalih, kuljum hija sfida biex isib modi ġodda kif nistgħu nifhmu aħjar lill-anzjani tagħna u kif nistgħu nagħtuhom l-aħjar servizz waqt li nżommuhom attivi kemm nistghu u, fl-istess ħin, nirrispettaw id-dinjità tagħhom.

# Apprezzament lil Nazju Abela






Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifraħ lis-Sur Ignatius J. Abela (Nazju) li huwa l-Viċi President u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kunsill, għal Apprezzament li ngħata mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ.

Nazju Abela twieled fl-1939 u trabba u jgħix ġewwa Ħaż Żebbuġ. Il-professjoni tiegħu kienet dik ta' għalliem. Sa minn żgħożitu, Nazju kien dedikat għall-attività soċjali, kulturali u politika u okkupa diversi karigi f'għaqdiet Nazzjonali. Sal-lum stess, Nazju Abela għadu jippromwovi l-anzjanità attiva u, fuq bażi nazzjonali, huwa involut fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u għadu attiv ukoll fl-Assoċjazzjoni Pensjonanti Anzjani tal-Partit Nazzjonalista.